**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW** **IL-KUNSILL**

**Brussell, 10 ta' Frar 2021**
**(OR. en)**

**2020/0104 (COD)** **PE-CONS 75/20**

**ECOFIN 1200**
**REGIO 291**
**CADREFIN 482**
**CODEC 1410**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza |

**REGOLAMENT (UE) 2021/...**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta'…**

**li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

---

1 ĠU C 364, 28.10.2020, p. 132.
2 ĠU C 440, 18.12.2020, p. 160.
3 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta'…

Billi:

(1) Skont l-Artikoli 120 u 121 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Istati Membri huma meħtieġa jwettqu l-politiki ekonomiċi tagħhom bil-ħsieb li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni u fil-kuntest tal-linji gwida ġenerali li l-Kunsill jifformula. L-Artikolu 148 TFUE jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-politiki tal-impjiegi li jqisu l-linji gwida għall-impjiegi. Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri hija għalhekk kwistjoni ta' tħassib komuni.

(2) L-Artikolu 175 tat-TFUE jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom b'tali mod li jiksbu l-objettivi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali stabbiliti fl-Artikolu 174 TFUE.

(3) L-Artikolu 174 TFUE jipprevedi li, sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż ġenerali tagħha, l-Unjoni trid tiżviluppa u ssegwi azzjonijiet li jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha, b’mod partikolari, timmira li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u r-ritard tar-reġjuni li huma inqas favoriti. L-isforzi biex jitnaqqsu d-disparitajiet jenħtieġ li b'mod partikolari jkunu ta' benefiċċju għall-gżejjer u għar-reġjuni ultraperiferiċi. Il-pożizzjonijiet tal-bidu u l-ispeċifiċitajiet differenti tar-reġjuni jenħtieġ li jitqiesu fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni.

(4) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ("is-Semestru Ewropew"), inkluż il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Apparti l-miżuri li jsaħħu l-kompetittività, il-potenzjal ta' tkabbir u l-finanzi pubbliċi sostenibbli, jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll riformi bbażati fuq is-solidarjetà, l-integrazzjoni, il-ġustizzja soċjali u distribuzzjoni ekwa tal-ġid bil-għan li jinħolqu impjiegi ta' kwalità u tkabbir sostenibbli, li jiġu żgurati l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u l-ħarsien soċjali, kif ukoll l-aċċess għalihom, li jiġu protetti l-gruppi vulnerabbli u li jittejbu l-istandards tal-għajxien taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw l-istrateġiji ta' investiment pluriennali nazzjonali tagħhom stess b'appoġġ għal dawk ir-riformi, filwaqt li jqisu l-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima[1] (il-"Ftehim ta' Pariġi"), il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima adottati fil-qafas tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], il-pjanijiet ta' tranżizzjoni ġusta u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, kif ukoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Dawk l-istrateġiji jenħtieġ li jiġu ppreżentati, fejn ikun rilevanti, flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma annwali bħala mod li jippreżenta u jikkoordina l-proġetti ta' investiment ta' prijorità li għandhom jiġu appoġġati permezz tal-finanzjament nazzjonali u / jew tal-Unjoni.

1 ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

2 Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

(5) Il-Kummissjoni ddeskriviet, fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2020 u l-Pakkett tar-Rebbiegħa u tas-Sajf tas-Semestru Ewropew 2020 li s-Semestru Ewropew jenħtieġ li jgħin biex tinkiseb l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

(6) It-tifqigħa tal-COVID-19 biddlet il-prospetti ekonomiċi, soċjali u baġitarji fl-Unjoni u fid-dinja, u teħtieġ rispons urġenti u kkoordinat kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali enormi kif ukoll l-effetti asimmetriċi għall-Istati Membri. Il-kriżi tal-COVID-19 kif ukoll il-kriżi ekonomika u finanzjarja preċedenti wrew li l-iżvilupp ta' ekonomiji sodi, sostenibbli u reżiljenti kif ukoll sistemi finanzjarji u tal-ħarsien soċjali mibnija fuq strutturi ekonomiċi u soċjali b'saħħithom jgħin lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod aktar effettiv u b'mod ġust u inklużiv għax-xokkijiet u jirkupraw minnhom aktar malajr. Nuqqas ta' reżiljenza jista' jwassal ukoll għal effetti konsegwenzjali negattivi ta' xokkijiet bejn l-Istati Membri jew fi ħdan l-Unjoni kollha kemm hi, u b'hekk jippreżenta sfidi għall-konverġenza u l-koeżjoni fl-Unjoni. Tnaqqis fl-infiq f'setturi, bħas-settur tal-edukazzjoni, is-settur kulturali u s-settur kreattiv u fil-kura tas-saħħa jista' jkun kontroproduttiv għall-ksib ta' rkupru rapidu. Il-konsegwenzi fi żmien medju u fit-tul tal-kriżi tal-COVID-19 ser jiddependu b'mod kritiku fuq kemm l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-Istati Membri jirkupraw malajr minn dik il-kriżi, li min-naħa l-oħra jiddependi fuq l-ispazju fiskali disponibbli tal-Istati Membri biex jieħdu miżuri li jimmitigaw l-impatt soċjali u ekonomiku tal-kriżi, u fuq ir-reżiljenza tal-ekonomiji u l-istrutturi soċjali tagħhom. Ir-riformi u l-investimenti sostenibbli u li jsaħħu t-tkabbir li jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali tal-ekonomiji tal-Istati Membri, u li jsaħħu r-reżiljenza, iżidu l-produttività u jwasslu għal kompetittività ogħla tal-Istati Membri, għalhekk ser ikunu essenzjali biex dawk l-ekonomiji jirritornaw fit-triq it-tajba u jonqsu l-inugwaljanzi u d-diverġenzi fl-Unjoni.

(7) L-esperjenzi tal-passat urew li l-investiment spiss jitnaqqas b'mod drastiku waqt il-kriżijiet. Madankollu, huwa essenzjali li f'din is-sitwazzjoni partikolari jiġi sostnut l-investiment biex jiġi aċċellerat l-irkupru u jissaħħaħ il-potenzjal tat-tkabbir fit-tul. Suq intern li jiffunzjona tajjeb l-investiment f'teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali, fl-innovazzjoni u r-riċerka, inkluż f'ekonomija msejsa fuq l-għarfien, fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u fl-għoti ta' spinta lill-effiċjenza enerġetika fis-settur tal-abitazzjoni u f'setturi ewlenin oħrajn tal-ekonomija huma importanti biex jinkiseb it-tkabbir ġust, inklużiv u sostenibbli, jiġi megħjun il-ħolqien tal-impjiegi, u tinkiseb in-newtralità klimatika tal-UE sal-2050.

(8) Fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, huwa meħtieġ li jissaħħaħ il-qafas attwali għall-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri u biex jingħata appoġġ finanzjarju dirett lill-Istati Membri permezz ta' għodda innovattiva. Għal dan il-għan jenħtieġ li tiġi stabbilita faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza (il-"Faċilità") fil-qafas ta' dan ir-Regolament biex tipprovdi appoġġ finanzjarju effettiv u sinifikanti biex tiżdied l-implimentazzjoni tar-riformi sostenibbli u tal-investiment pubbliku relatat fl-Istati Membri. Il-Faċilità jenħtieġ li tkun strument dedikat imfassal biex jindirizza l-effetti u l-konsegwenzi negattivi tal-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni. Din jenħtieġ li tkun komprensiva u jenħtieġ li tibbenefika mill-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri mill-użu tal-istrumenti u l-programmi l-oħra. L-investiment privat jista' wkoll jiġi inċentivat permezz ta' skemi ta' investiment pubbliku, inkluż strumenti finanzjarji, sussidji u strumenti oħra, sakemm ikun hemm konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(9) Ir-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-Faċilità jenħtieġ li jgħinu wkoll biex jagħmlu l-Unjoni iktar reżiljenti u inqas dipendenti billi jiddiversifikaw il-katini ewlenin tal-provvista u b'hekk isaħħu l-awtonomija strateġika tal-Unjoni b'mod parallel ma' ekonomija miftuħa. Ir-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-Faċilità jenħtieġ li jiġġeneraw ukoll valur miżjud Ewropew.

(10) L-irkupru jenħtieġ li jinkiseb u r-reżiljenza tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha jenħtieġ li tissaħħaħ permezz tal-appoġġ għal miżuri li jirreferu għall-oqsma ta' politika ta' rilevanza Ewropea strutturati f'sitt pilastri (is-"sitt pilastri"), jiġifieri: it-tranżizzjoni ekoloġika; it-trasformazzjoni diġitali; tkabbir smart, sostenibbli u inklużiv, inklużi l-koeżjoni ekonomika, l-impjiegi, il-produttività, il-kompetittività, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u suq intern li jiffunzjona tajjeb b'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) b'saħħithom; il-koeżjoni soċjali u territorjali; is-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, bil-għan, inter alia, li tiżdied it-tħejjija għall-kriżijiet u l-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet; u l-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet.

(11) It-tranżizzjoni ekoloġika jenħtieġ li tiġi appoġġata minn riformi u investimenti f'teknoloġiji u kapaċitajiet ekoloġiċi, inkluż fil-bijodiversità, l-effiċjenza enerġetika, ir-rinnovazzjoni tal-binjiet u l-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tikkontribwixxi għall-miri klimatiċi tal-Unjoni, trawwem it-tkabbir sostenibbli, toħloq l-impjiegi u tippreserva s-sigurtà tal-enerġija.

(12) Ir-riformi u l-investiment fit-teknoloġiji, l-infrastruttura u l-proċessi diġitali se jżidu l-kompetittività tal-Unjoni fil-livell globali u se jgħinu wkoll biex l-Unjoni ssir aktar reżiljenti, aktar innovattiva u inqas dipendenti billi jiddiversifikaw il-ktajjen ewlenin tal-provvista. Ir-riformi u l-investimenti jenħtieġ li jippromwovu b'mod partikolari d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi, l-iżvilupp ta' infrastruttura diġitali u tad-data, raggruppamenti u ċentri ta' innovazzjoni diġitali u soluzzjonijiet diġitali miftuħa. It-tranżizzjoni diġitali jenħtieġ li tinċentiva wkoll id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs. L-investimenti f'teknoloġiji diġitali jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipji tal-interoperabbiltà, l-effiċjenza enerġetika u l-protezzjoni tad-data personali, jippermettu l-parteċipazzjoni tal-SMEs u tan-negozji ġodda, u jippromwovu l-użu ta' soluzzjonijiet b'sors miftuħ.

(13) Ir-riformi u l-investimenti fi tkabbir smart, sostenibbli u inkluživ, inkluži l-koeżjoni ekonomika, l-impjiegi, il-produttività, il-kompetittività, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u suq intern li jiffunzjona tajjeb b'SMEs b'saħħithom jenħtieġ li jimmiraw biex itejbu l-potenzjal tat-tkabbir u jippermettu rkupru sostenibbli tal-ekonomija tal-Unjoni. Dawk ir-riformi u l-investimenti jenħtieġ li jippromwovu wkoll l-intraprenditorija, l-ekonomija soċjali, l-iżvilupp ta' infrastruttura u trasport sostenibbli, u l-industrijalizzazzjoni u r-reindustrijalizzazzjoni, u jtaffu l-effett tal-kriżi tal-Covid-19 fuq l-ekonomija.

(14) Ir-riformi u l-investimenti fil-koeżjoni soċjali u territorjali jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għall-ġlieda kontra l-faqar u l-indirizzar tal-qgħad biex l-ekonomiji tal-Istati Membri jirkupraw filwaqt li ħadd ma jitħalla lura. Dawk ir-riformi u l-investimenti jenħtieġ li jwasslu għall-ħolqien ta' impjiegi stabbli u ta' kwalità għolja, l-inklużjoni u l-integrazzjoni ta' gruppi żvantaġġati, u jippermettu t-tisħiħ tad-djalogu soċjali, l-infrastruttura u s-servizzi, kif ukoll tal-ħarsien soċjali u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali.

(15) Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat ukoll l-importanza tar-riformi u l-investimenti fis-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, li għandhom il-mira li, inter alia, iżidu t-tħejjija għall-kriżijiet u l-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-kontinwità tal-ħidma u tas-servizz pubbliku, u l-aċċessibbiltà u l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa u l-kura, l-effikaċja tal-amministrazzjoni pubblika u s-sistemi nazzjonali, inkluża l-minimizzazzjoni tal-piż amministrattiv, u l-effikaċja tas-sistemi ġudizzjarji kif ukoll il-prevenzjoni tal-frodi u s-superviżjoni fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

(16) Ir-riformi u l-investimenti fil-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ huma essenzjali għall-promozzjoni tal-edukazzjoni u l-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u l-kwalifikazzjoni mill-ġdid tal-forza tax-xogħol attiva, il-programmi ta' integrazzjoni għall-persuni qiegħda, il-politiki ta' investiment fl-aċċess u l-opportunità għat-tfal u ż-żgħażagħ relatati mal-edukazzjoni, is-saħħa, in-nutrizzjoni, l-impjiegi u l-akkomodazzjoni, u l-politiki li jservu ta' pont għad-distakk bejn il-ġenerazzjonijiet f'konformità mal-objettivi tal-Garanzija għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Dawk l-azzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw li l-ġenerazzjoni li jmiss ta' Ewropej ma tintlaqatx b'mod permanenti mill-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 u li d-distakk bejn il-ġenerazzjonijiet ma jkomplix jikber.

(17) Fil-preżent ma jeżistix strument li jipprovdi appoġġ finanzjarju dirett b'rabta mal-ksib tar-riżultati u mal-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investiment pubbliku mill-Istati Membri, inkluż b'rispons għall-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, u bil-għan li jkun hemm impatt dejjiemi fuq il-produttività u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Istati Membri.

(18) Jenħtieġ li t-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jintgħażlu fuq il-bażi tal-kapaċità tagħhom li jiksbu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nonkonformità. Appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli taħt il-Faċilità jenħtieġ li jieħu l-forma ta' kontribuzzjoni sui generis tal-Unjoni li għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' kontribuzzjoni finanzjarja massima kkalkulata għal kull Stat Membru u b'kont meħud tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, li jenħtieġ li jitħallas abbażi tal-kisba tar-riżultati b'referenza għall-istadji importanti u l-miri tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita tali kontribuzzjoni f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur previsti f'dan ir-Regolament, skont ir-regoli dwar is-simplifikazzjoni relatata mal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet stabbiliti fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] (ir-"Regolament Finanzjarju"). Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri speċifiċi f'dan ir-Regolament, soġġetti għall-prinċipji ġenerali tal-ġestjoni baġitarja skont ir-Regolament Finanzjarju, dwar l-allokazzjoni, l-implimentazzjoni u l-kontroll ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Il-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jenħtieġ li japplika fil-livell tal-pagamenti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri bħala benefiċjarji, irrispettivament mir-rimborż fi kwalunkwe forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri lir-riċevituri finali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw il-forom kollha ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji, inkluż għażliet ta' kostijiet simplifikati. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li tieħu azzjoni fil-każ ta' frodi, korruzzjoni, konflitti ta' interess jew finanzjament doppju mill-Faċilità u programmi oħrajn tal-Unjoni, il-pagamenti jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal kontrolli fuq il-kostijiet effettivament imġarrba mill-benefiċjarju.

---

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(19) F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094[1] u fil-limiti tar-riżorsi allokati fih, il-miżuri għall-irkupru u r-reżiljenza fil-qafas tal-Faċilità jenħtieġ li jittieħdu biex jindirizzaw l-impatt bla preċedent tal-kriżi tal-COVID-19. Jenħtieġ li dawk ir-riżorsi addizzjonali jintużaw b'tali mod li jiżguraw il-konformità mal-limiti ta' żmien stipulati fir-Regolament (UE) 2020/2094.

(20) Jenħtieġ li l-Faċilità tappoġġa proġetti li jirrispettaw il-prinċipju tal-addizzjonalità tal-finanzjament tal-Unjoni. Il-Faċilità, għajr f'każijiet debitament ġustifikati, jenħtieġ li ma tkunx sostitut għal nefqiet nazzjonali rikorrenti.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I , 22.12.2020, p. 23).

(21) L-iżgurar ta' livell għoli ta' ċibersigurtà u fiduċja fit-teknoloġiji hija prerekwiżit għal trasformazzjoni diġitali ta' suċċess fl-Unjoni. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill Ewropew talab lill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jagħmlu użu sħiħ mis-sett ta' għodod għaċ-ċibersigurtà tal-5G adottat fid-29 ta' Jannar 2020, u b'mod partikolari talabhom japplikaw ir-restrizzjonijiet rilevanti fuq fornituri ta' riskju għoli għal assi ewlenin definiti bħala kritiċi u sensittivi fil-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew issottolinja li l-fornituri potenzjali tal-5G jeħtieġ jiġu vvalutati abbażi ta' kriterji oġġettivi, komuni.

(22) Sabiex jitrawmu s-sinerġiji bejn il-Faċilità, il-Programm InvestEU stabbilit bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ir-"Regolament InvestEU") u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1+], il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jistgħu jinkludu, sa ċertu limitu massimu, kontribuzzjonijiet għall-kompartimenti tal-Istati Membri fl-ambitu tal-Programm InvestEU u għall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2021/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L …, …, p. …).

\+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 61/20 (2020/0103(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

(23) Fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-istrateġija tat-tkabbir sostenibbli tal-Ewropa u l-importanza li tiġi indirizzata t-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta il-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Faċilità għandha tikkontribwixxi biex jiġu integrati l-azzjonijiet klimatiċi u s-sostenibbiltà ambjentali u biex tinkiseb il-mira ġenerali ta' 30 % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni li tappoġġa objettivi klimatiċi. Għal dan il-għan, il-miżuri appoġġati permezz tal-Faċilità u inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u reżiljenza tal-Istati Membri individwali jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha, u jenħtieġ li jikkostitwixxu ammont li jirrappreżenta mill-inqas 37 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, abbażi tal-metodoloġija għat-trekkjar klimatiku stabbilita f'anness għal dan ir-Regolament. Dik il-metodoloġija jenħtieġ li tintuża kif xieraq għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal qasam ta' intervent elenkat fl-Anness għal dan ir-Regolament. Jekk l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jaqblu, għandu jkun possibbli li jiżdiedu l-koeffiċjenti għall-appoġġ għall-objettivi klimatiċi għal 40 jew 100 % għal investimenti individwali, kif spjegat fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, biex jitqiesu l-miżuri ta' riforma akkumpanjanti li jżidu b'mod kredibbli l-impatt tagħhom fuq l-objettivi klimatiċi. Għal dak il-għan, għandu jkun possibbli li jiżdiedu l-koeffiċjenti għall-appoġġ għall-objettivi klimatiċi sa ammont totali ta' 3 % tal-allokazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal investimenti individwali. Il-Faċilità jenħtieġ li tappoġġa attivitajiet li jirrispettaw bis-sħiħ l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] (il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti").

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(24) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-telf drammatiku tal-bijodiversità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjoni dwar il-bijodiversità fil-politiki tal-Unjoni.

(25) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-miżuri inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom jikkonformaw mal-prinċipju ta’ "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi gwida teknika għal dak il-għan. Id-dħul fis-seħħ tal-atti delegati msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 jenħtieġ li ma jaffettwax dik il-gwida.

(26) Il-miżuri appoġġati permezz tal-Faċilità u inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri individwali jenħtieġ li jkopru wkoll ammont li jirrappreżenta mill-inqas 20 % tal-allokazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-nefqa diġitali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkalkulaw il-koeffiċjent għall-appoġġ għall-objettivi diġitali abbażi ta' metodoloġija li tirrifletti l-punt safejn l-appoġġ taħt il-Faċilità jagħti kontribut għall-objettivi diġitali. Il-koeffiċjenti għal miżuri individwali għandhom jiġu determinati abbażi tal-oqsma ta' intervent stabbiliti f'anness ta' dan ir-Regolament. Il-metodoloġija jenħtieġ li tintuża kif xieraq għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal qasam ta' intervent. Jekk l-Istat Membru konċernat u l-Kummissjoni jaqblu, għandu jkun possibbli li jiżdiedu dawk il-koeffiċjenti għal 40% jew 100 % għal investimenti individwali biex jitqiesu r-riformi akkumpanjanti li jżidu l-impatt tal-miżuri fuq l-objettivi diġitali.

(27) Għall-fini li jiġi determinat il-kontribut tal-miżuri rilevanti taħt il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għall-miri klimatiċi u diġitali, għandu jkun possibbli li jingħaddu tali miżuri taħt iż-żewġ objettivi skont il-metodoloġiji rispettivi tagħhom.

(28) In-nisa kienu partikularment milquta mill-kriżi tal-COVID-19, peress li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa fl-Unjoni, u jibbilanċjaw xogħol ta' indukrar mhux imħallas mar-responsabbiltajiet tal-impjieg tagħhom. Is-sitwazzjoni hi partikularment diffiċli għall-ġenituri waħedhom, li 85 % minnhom huma nisa. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u l-integrazzjoni ta' dawk l-objettivi jenħtieġ li jiġu meqjusa u promossi matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza programmi nazzjonali ppreżentati f'konformità mal-ambitu ta' dan ir-Regolament. L-investiment f'infrastruttura tal-indukrar robusta huwa wkoll essenzjali sabiex jiġu żgurati l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, sabiex jinbnew soċjetajiet reżiljenti, jiġu miġġielda l-kundizzjonijiet prekarji f'settur iddominat min-nisa, tingħata spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, jiġu prevenuti l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u sabiex ikun hemm effett pożittiv fuq il-Prodott Domestiku Gross (PDG), peress li jippermetti lil għadd akbar ta' nisa jkollhom xogħol imħallas.

(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jiżgura r-rabta bejn il-Faċilità u governanza ekonomika tajba, li jippermetti lill-Kummissjoni tagħmel proposta lill-Kunsill biex jiġu sospiżi l-impenji jew il-pagamenti kollha jew parti minnhom taħt il-Faċilità. L-obbligu tal-Kummissjoni li tipproponi sospensjoni jenħtieġ li jiġi sospiż meta u ladarba tiġi attivata l-hekk imsejħa "klawżola liberatorja ġenerali" fl-ambitu tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi u fid-dawl tal-importanza tal-effetti finanzjarji tal-miżuri imposti, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu konferiti lill-Kunsill, li jenħtieġ li jaġixxi fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li huma meħtieġa biex tiġi żgurata azzjoni effettiva fil-kuntest tal-qafas tal-governanza ekonomika, jenħtieġ li tintuża votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata inversa għas-sospensjoni tal-approprjazzjonijiet. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni tiddiskuti l-applikazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu fil-kuntest ta' djalogu strutturat sabiex jippermetti lill-Parlament Ewropew jesprimi l-fehmiet tiegħu. Sabiex il-Kummissjoni tqis kif xieraq il-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew, id-djalogu strutturat jenħtieġ li jsir fi żmien erba' ġimgħat wara li l-Kummissjoni tkun infurmat lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu.

(30) Jenħtieġ li l-objettiv speċifiku tal-Faċilità jkun li tipprovdi appoġġ finanzjarju bil-għan li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri tar-riformi u tal-investimenti stabbiliti fil-pjanijiet għall-irkupru u tar-reżiljenza. Jenħtieġ li dak l-objettiv jiġi segwit f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati.

(31) Sal-31 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis l-indikaturi komuni u t-tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza pprovduta fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, kif ukoll informazzjoni rilevanti disponibbli oħra. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jaf jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta s-sejbiet ewlenin tar-rapport ta' rieżami tagħha fil-kuntest tad-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza stabbilit fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

(32) Sabiex tkun żgurata l-kontribuzzjoni tagħhom għall-objettivi tal-Faċilità, jenħtieġ li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludu miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku permezz ta' pakkett koerenti. Il-miżuri li bdew mill-1 ta' Frar 2020 'il quddiem jenħtieġ li jkunu eliġibbli. Jenħtieġ li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jkun konsistenti mal-isfidi u mal-prijoritajiet speċifiċi għall-pajjiż kif identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, kif ukoll mal-isfidi u l-prijoritajiet identifikati fl-aktar rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li jkunu wkoll konsistenti ma’ Programmi Nazzjonali ta' Riforma, Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, pjanijiet ta' tranżizzjoni ġusta, il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ kif ukoll mal-ftehimiet ta' sħubija u mal-programmi operazzjonali adottati fil-qafas tal-fondi tal-Unjoni. Sabiex tingħata spinta lill-azzjonijiet li jaqgħu fil-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Aġenda Diġitali, jenħtieġ li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jistabbilixxu wkoll miżuri li huma rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Jenħtieġ li b’tali miżuri jkun possibbli t-twettiq rapidu tal-miri, tal-objettivi u tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima u fl-aġġornamenti tagħhom. L-attivitajiet appoġġati kollha jenħtieġ li jiġu segwiti b'rispett sħiħ tal-istandards u tal-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ ukoll li jirrispettaw il-prinċipji orizzontali tal-Faċilità.

(33) Il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li ma jaffettwawx id-dritt li jiġu konklużi jew infurzati ftehimiet kollettivi jew li tittieħed azzjoni kollettiva f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u mad-dritt u l-prattiki tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

(34) L-awtoritajiet reġjonali u lokali jistgħu jkunu sħab importanti fl-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li huma jiġu kkonsultati u involuti b'mod xieraq, f'konformità mal-qafas legali nazzjonali.

(35) Fejn Stat Membru jkun eżentat mill-monitoraġġ u l-valutazzjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jew ikun soġġett għal sorveljanza skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002[2], jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi applikat dan ir-Regolament għall-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward tal-isfidi u l-prijoritajiet identifikati minn dawk ir-Regolamenti.

(36) Għall-finijiet ta' informazzjoni għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kunsill ikun jista' jiddiskuti, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, l-istat tal-irkupru, tar-reżiljenza u tal-kapaċità ta' aġġustament fl-Unjoni. Jenħtieġ li dik id-diskussjoni tkun ibbażata fuq l-informazzjoni strateġika u analitika disponibbli għall-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u, meta tkun disponibbli, fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza fis-snin preċedenti.

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

(37) Sabiex tiġi żgurata kontribuzzjoni finanzjarja sinifikanti li tkun proporzjonata għall-bżonnijiet effettivi tal-Istati Membri biex iwettqu u jlestu r-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, huwa xieraq li tiġi stabbilita kontribuzzjoni finanzjarja massima li tkun għad-dispożizzjoni tagħhom fil-qafas tal-Faċilità bħala appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli. 70% ta’ dik il-kontribuzzjoni massima jenħtieġ li jkun ikkalkolat fuq il-bażi tal-popolazzjoni, l-invers tal-PDG per capita u r-rata tal-qgħad relattiva ta' kull Stat Membru. Jenħtieġ li 30 % ta' dik il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-popolazzjoni, l-invers tal-PDG per capita, u, fi proporzjon ugwali, il-bidla fil-PDG reali fl-2020 u l-bidla aggregata fil-PDG reali matul il-perjodu 2020-2021 abbażi tal-previżjonijiet tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni għad-data mhux disponibbli fil-mument tal-kalkolu, li għandhom jiġu aġġornati sat-30 ta' Ġunju 2022 bl-eżiti reali.

(38) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit proċess għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza mill-Istati Membri, u l-kontenut tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza b'mod uffiċjali, bħala regola, sat-30 ta' April, u jista' jagħmel dan f'dokument wieħed integrat flimkien mal-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħhom. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tal-Faċilità, jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw abbozz tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mill-15 ta' Ottubru tas-sena ta' qabel.

(39) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda nazzjonali u enfasi fuq ir-riformi u l-investimenti rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri li jixtiequ jirċievu appoġġ jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li jkun debitament motivat u sostanzjat. Jenħtieġ li dak il-pjan jagħti dettalji dwar kif, filwaqt li jqis il-miżuri inklużi fih, jirrappreżenta rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat. Jenħtieġ li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jistabbilixxi l-ġabra dettaljata ta' miżuri għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tiegħu, inklużi l-miri u l-istadji importanti u l-kostijiet stmati, kif ukoll l-impatt mistenni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fuq il-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażagħ, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fi ħdan l-Unjoni. Jenħtieġ li jkun jinkludi wkoll miżuri li huma rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, u t-tranżizzjoni diġitali; jenħtieġ li jkun jinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kif jikkontribwixxi għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi u l-prijoritajiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, inklużi l-aspetti fiskali u r-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-ambitu tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. Jenħtieġ li jinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kif il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti inklużi f'dak il-pjan ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 (il-prinċipju" la tagħmilx ħsara sinifikanti").

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25)

Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li jistabbilixxi l-kontribut mistenni għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, kif ukoll sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni mwettaq mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li jkun fih spjegazzjoni tal-pjanijiet, is-sistemi u l-miżuri konkreti tal-Istat Membru biex jipprevjeni, jidentifika u jirrettifika l-konflitti ta' interess, il-korruzzjoni u l-frodi, u biex jiġi evitat l-finanzjament doppju. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jaf jinkludi wkoll proġetti transfruntiera jew multinazzjonali. Jenħtieġ li titfittex u tinkiseb kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri matul il-proċess kollu.

(40) L-implimentazzjoni tal-Faċilità jenħtieġ li titwettaq f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, inklużi l-prevenzjoni effettiva u l-prosekuzzjoni tal-frodi, inkluża l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni u l-konflitti ta' interess.

(41) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza proposti minn kull Stat Membru u jenħtieġ li taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru inkwistjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrispetta bis-sħiħ is-sjieda nazzjonali tal-pjan u għalhekk jenħtieġ li tqis il-ġustifikazzjonijiet u l-elementi pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta r-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza propost mill-Istat Membru, abbażi tal-lista ta' kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza proposti, u, fejn applikabbli, l-aġġornamenti tagħhom, fi żmien xahrejn mis-sottomissjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. L-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jenħtieġ li jaqblu li jestendu dik l-iskadenza b'perjodu raġonevoli jekk ikun meħtieġ.

(42) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti linji gwida xierqa f'anness għal dan ir-Regolament biex iservu bħala bażi għall-Kummissjoni biex tivvaluta b'mod trasparenti u ekwu l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u biex tiddetermina l-kontribuzzjoni finanzjarja f'konformità mal-objettivi u ma' kwalunkwe rekwiżit rilevanti ieħor stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fl-interess tat-trasparenza u l-effiċjenza, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' klassifikazzjoni għall-valutazzjoni tal-proposti ta' pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għal dan il-għan. Il-kriterji relatati mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, mat-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, u li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jenħtieġ li jirrikjedu l-ogħla punteġġ tal-valutazzjoni. Kontribut effettiv għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jenħtieġ li jkun ukoll prerekwiżit għal valutazzjoni pożittiva.

(43) Għall-finijiet tat-tħejjija ta' pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ta' kwalità għolja u biex il-Kummissjoni tkun assistita fil-valutazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentati mill-Istati Membri u fil-valutazzjoni tal-grad tal-kisba tagħhom, jenħtieġ li jkun previst l-użu ta' parir minn esperti u, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, konsulenza bejn il-pari u appoġġ tekniku. L-Istati Membri jafu wkoll jitolbu appoġġ fl-ambitu tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jrawmu sinerġiji mal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Stati Membri oħra.

(44) Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, id-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li ssegwi kriterji sempliċi. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja tiġi ddeterminata fuq il-bażi tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza propost mill-Istat Membru kkonċernat.

(45) Il-Kunsill jenħtieġ li japprova l-valutazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, li jenħtieġ li jagħmel ħiltu biex jadottaha fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni ta' dik il-proposta. Dment li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza b'mod sodisfaċenti l-kriterji ta' valutazzjoni, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jiġi allokat il-kontribuzzjoni finanzjarja massima fejn il-kostijiet totali stmati tar-riforma u tal-investiment inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jkunu daqs l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima stess jew ogħla minnu. Jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jiġi minflok allokat ammont ugwali għall-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jekk tali kostijiet totali jkunu inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima stess. Jenħtieġ li ma tingħata l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istat Membru jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jindirizzax b'mod sodisfaċenti l-kriterji tal-valutazzjoni. Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata, fuq proposta mill-Kummissjoni, biex tinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata kkalkulata abbażi tal-eżiti reali f'Ġunju 2022. Il-Kunsill jenħtieġ li jadotta d-deċiżjoni emendatorja rilevanti mingħajr dewmien żejjed.

(46) Sabiex ikun żgurat li l-appoġġ finanzjarju jingħata minn qabel fis-snin inizjali wara l-kriżi tal-COVID-19, u biex tkun żgurata l-kompatibbiltà mal-fondi disponibbli għall-Faċilità, jenħtieġ li l-fondi jkunu magħmula disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2023. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jkun possibbli li sal-31 ta' Diċembru 2022 jittieħed impenn legali għal 70 % tal-ammont disponibbli għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u 30% bejn l-1 ta’ Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023. Sal-31 ta' Diċembru 2021, fuq talba ta' Stat Membru li għandha tiġi ppreżentata flimkien mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, ammont sa 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja u, fejn applikabbli, sa 13 % tas-self tal-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jitħallas fil-forma ta' prefinanzjament fi żmien, sa fejn ikun possibbli, xahrejn wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-impenji legali.

(47) Jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Stat Membru jkun possibbli fil-forma ta' self, bil-konklużjoni ta' ftehim ta' self mal-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' talba debitament sostanzjata mill-Istat Membru kkonċernat. Is-self li jsostni l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li jiġi provdut sal-31 ta' Diċembru 2023 u jenħtieġ li jingħata b'dati ta' maturità li jirriflettu n-natura fit-tul ta' dan l-infiq. Skont l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053[1], il-ħlasijiet lura jenħtieġ li jiġu skedati, skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b’tali mod li jiġi żgurat it-tnaqqis stabbli u prevedibbli tal-obbligazzjonijiet. Dawn id-dati ta' maturità jistgħu jvarjaw mid-dati ta' maturità tal-fondi li l-Unjoni tissellef fis-swieq kapitali biex tiffinanzja s-self. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà ta' deroga mill-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 220(2) tar-Regolament Finanzjarju, li jipprevedi li l-maturitajiet tas-self għall-assistenza finanzjarja jenħtieġ li ma jiġux ittrasformati.

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta’ Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

(48) It-talba għal appoġġ fil-forma ta' self jenħtieġ li tkun ġustifikata mill-ħtiġijiet finanzjarji ikbar marbuta ma' riformi u investimenti addizzjonali inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, li jkunu rilevanti b'mod partikolari għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u permezz ta' kost tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima allokata permezz tal-kontribuzzjoni mhux ripagabbli. Jenħtieġ li jkun possibbli li t-talba għal appoġġ fil-forma ta' self tiġi sottomessa flimkien mal-preżentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Meta t-talba għal appoġġ fil-forma ta' self issir f'mument differenti, jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn pjan rivedut għall-irkupru u r-reżiljenza bi stadji importanti u miri addizzjonali. Biex ikun żgurat il-frontloading tar-riżorsi, jenħtieġ li l-Istati Membri jitolbu appoġġ fil-forma ta' self sal-31 ta' Awwissu 2023. Għall-finijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-ammont totali tal-appoġġ fil-forma ta' self kollu mogħti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollu limitu massimu. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-volum massimu tas-self għal kull Stat Membru ma jaqbiżx is-6,8 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-2019 tiegħu, skont id-data mill-Eurostat bid-data limitu ta' Mejju 2020.. Żieda tal-ammont b'limitu massimu jenħtieġ li tkun possibbli f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni soġġetti għar-riżorsi disponibbli. Għall-istess raġunijiet jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi żborżat is-self bin-nifs mat-twettiq tar-riżultati. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta t-talba għal appoġġ fil-forma ta' self fi żmien xahrejn. Filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Kunsill ikun jista' japprova dik il-valutazzjoni b'maġġoranza kwalifikata permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni li l-Kunsill jenħtieġ li jagħmel ħiltu biex jadotta fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni ta' dik il-proposta mill-Kummissjoni.

(49) Jenħtieġ li jkun possibbli għal Stat Membru li jagħmel talba motivata biex jiġi emendat il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fil-perjodu ta' implimentazzjoni, jekk iċ-ċirkostanzi oġġettivi jiġġustifikaw tali azzjoni. Fejn il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Istat Membru kkonċernat jiġġustifikaw tali emenda, jenħtieġ li tivvaluta l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza l-ġdid fi żmien xahrejn. L-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jenħtieġ li jaqblu li jestendu dik l-iskadenza b'perjodu raġonevoli jekk ikun meħtieġ. Il-Kunsill jenħtieġ li japprova l-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza l-ġdid permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, u jenħtieġ li jagħmel ħiltu biex jadottah fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta.

(50) L-istituzzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jagħmlu l-almu tagħhom biex inaqqsu l-ħin tal-ipproċessar sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni rapida u bla xkiel tal-Faċilità.

(51) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u simplifikazzjoni fil-ġestjoni finanzjarja tal-Faċilità, l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li jieħu l-forma ta' finanzjament ibbażat fuq il-kisba tar-riżultati mkejla b'referenza għal stadji importanti u miri indikati fil-pjanijiet approvati għall-irkupru u r-reżiljenza. Għal dak il-għan, l-appoġġ addizzjonali fil-forma ta' self jenħtieġ li jkun marbut mal-istadji importanti u l-miri addizzjonali meta mqabbla ma' dawk rilevanti għall-appoġġ finanzjarju (jiġifieri l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli).

(52) Ir-rilaxx ta' fondi taħt il-Faċilità huwa kontinġenti fuq l-issodisfar sodisfaċenti mill-Istati Membri tal-istadji importanti u l-miri rilevanti kif stabbilit fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza li l-valutazzjoni tagħhom tkun ġiet approvata mill-Kunsill. Qabel ma l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż tal-kontribuzzjoni finanzjarja u, fejn applikabbli, tas-self, jenħtieġ li titlob lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għall-opinjoni tiegħu dwar l-issodisfar sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti mill-Istati Membri abbażi ta' valutazzjoni preliminari mill-Kummissjoni. Sabiex il-Kummissjoni tqis l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għall-valutazzjoni tagħha, jenħtieġ li din tingħata fi żmien erba' ġimgħat minn meta tirċievi l-valutazzjoni preliminari mill-Kummissjoni. Fid-deliberazzjonijiet tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jagħmel ħiltu biex jilħaq kunsens. Jekk, eċċezzjonalment, Stat Membru wieħed jew aktar iqisu li jkun hemm devjazzjonijiet serji mill-issodisfar sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti, huma jistgħu jitolbu lill-President tal-Kunsill Ewropew biex jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill Ewropew li jmiss. L-Istati Membri rispettivi jenħtieġ li jinfurmaw ukoll lill-Kunsill mingħajr dewmien żejjed, u jenħtieġ li l-Kunsill, imbagħad, mingħajr dewmien, jinforma lill-Parlament Ewropew. F'tali ċirkostanzi eċċezzjonali, jenħtieġ li l-ebda deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż tal-kontribuzzjoni finanzjarja u, fejn applikabbli, tas-self ma tittieħed sakemm il-Kunsill Ewropew li jmiss ikun iddiskuta l-kwistjoni b'mod eżawrjenti. Dak il-proċess jenħtieġ li, bħala regola, ma jiħux aktar minn tliet xhur minn meta l-Kummissjoni tkun talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għall-opinjoni tiegħu.

(53) Għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja tajba, filwaqt li tiġi rispettata n-natura msejsa fuq il-prestazzjoni tal-Faċilità, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-impenji tal-baġit, għall-pagamenti, għas-sospensjoni, u għall-irkupru tal-fondi, kif ukoll għat-terminazzjoni tal-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju. Biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jippreżentaw talbiet għall-pagamenti darbtejn fis-sena. Il-pagamenti jenħtieġ li jsiru b'mod rateali u jkunu bbażati fuq valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mill-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-użu ta' fondi fir-rigward ta' miżuri appoġġati mill-Faċilità jikkonforma mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiżguraw li l-frodi, il-korruzzjoni u l-konflitti ta' interess jiġu evitati, identifikati u rettifikati, u li jiġi evitat il-finanzjament doppju mill-Faċilità u programmi oħrajn tal-Unjoni. Is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju kif ukoll tnaqqis u rkupru tal-kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li jkunu possibbli meta l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jkunx ġie implimentat b'mod sodisfaċenti mill-Istat Membru kkonċernat, jew fil-każ ta' irregolaritajiet serji, jiġifieri frodi, korruzzjoni u konflitt ta' interess relatati mal-miżuri appoġġati mill-Faċilità, jew ksur serju ta’ obbligu taħt il-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju. L-irkupru jenħtieġ li, fejn ikun possibbli, jiġi żgurat permezz ta' tpaċija tal-pagamenti pendenti taħt il-Faċilità. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri kontradittorji xierqa biex jiżguraw li d-deċiżjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tas-sospensjoni u l-irkupru tal-ammonti mħallsa, kif ukoll it-terminazzjoni tal-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju, tirrispetta d-dritt tal-Istati Membri li jissottomettu kummenti. Il-pagamenti kollha tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-Istati Membri jenħtieġ li jsiru sal-31 ta' Diċembru 2026, bl-eċċezzjoni tal-miżuri msemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) 2020/2094 u f'każijiet fejn, għalkemm l-impenn legali jkun iddaħħal, jew id-deċiżjoni tkun ġiet adottata, f'konformità mal-iskadenzi msemmija fl-Artikolu 34 ta' dak ir-Regolament, ikun meħtieġ li l-Unjoni tkun tista' tonora l-obbligi tagħha lejn l-Istati Membri, inkluż bħala riżultat ta' sentenza definittiva kontra l-Unjoni.

(54) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti b'mod effettiv. Filwaqt li hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Istat Membru nnifsu li jiżgura li l-Faċilità tiġi implimentata f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tirċievi assigurazzjoni suffiċjenti mill-Istati Membri f'dak ir-rigward. Għal dak il-għan, fl-implimentazzjoni tal-Faċilità, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw il-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u li jirkupraw ammonti mħallsa bi żball jew użati ħażin. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddependu fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-baġit nazzjonali regolari tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru kategoriji standardizzati ta' data u informazzjoni li jippermettu l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rettifika ta' irregolaritajiet serji, jiġifieri frodi, korruzzjoni u konflitti ta' interess, fir-rigward tal-miżuri appoġġati mill-Faċilità. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel disponibbli sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ, inkluża għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u għall-valutazzjoni tar-riskju, biex taċċessa u tanalizza din id-data u l-informazzjoni, bil-ħsieb ta' applikazzjoni ġeneralizzata mill-Istati Membri.

(55) Il-Kummissjoni, l-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF), il-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw is-sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ fi ħdan il-kompetenzi u d-drittijiet tagħhom.

(56) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-arranġamenti tal-Istati Membri li għandhom il-mira li jevitaw finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel disponibbli informazzjoni dwar ir-riċevituri ta' fondi ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 38(1) tar-Regolament Finanzjarju.

(57) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jitħallew jipproċessaw id-data personali unikament meta dan ikun meħtieġ għall-fini li jiġu żgurati kwittanza, awditu u kontroll tal-użu tal-fondi fir-rigward tal-miżuri għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-proġetti ta' investiment fl-ambitu tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Id-data personali jenħtieġ li tiġi pproċessata skont ir-Regolament (UE) 2016/679[1] jew (UE) 2018/1725[2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, skont liema wieħed minn dawn ir-Regolamenti jkun applikabbli.

(58) Għal monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw darbtejn fis-sena fil-kuntest tas-Semestru Ewropew dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Tali rapporti mħejjija mill-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jkunu riflessi b'mod xieraq fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, li jenħtieġ li jintużaw bħala għodda għar-rapportar dwar il-progress lejn it-tlestija tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

(59) L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jfittxu l-opinjoni tal-bordijiet tal-produttività nazzjonali u tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tagħhom dwar il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluża l-validazzjoni possibbli ta' elementi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(60) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-implimentazzjoni tal-Faċilità, il-Kummissjoni jenħtieġ li tittrażmetti, soġġett għal approvazzjoni ta' informazzjoni sensittiva jew kunfidenzjali, jew għal arranġamenti xierqa ta' kunfidenzjalità jekk ikun meħtieġ, id-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti simultanjament u b'termini ugwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bħall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, jew l-emendi tagħhom, kif ippreżentati mill-Istati Membri, u l-proposti għal deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill kif ippubblikati mill-Kummissjoni.

(61) Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew kull xahrejn jaf jistieden lill-Kummissjoni tiddiskuti kwistjonijiet tad-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-Faċilità, bħall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri, il-valutazzjoni mill-Kummissjoni, is-sejbiet ewlenin tar-rapport ta' rieżami, l-istatus tat-twettiq tal-istadji importanti u tal-miri, il-proċeduri relatati mal-ħlas u mas-sospensjoni, u kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti oħra pprovduta mill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Faċilità. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis l-elementi li jirriżultaw mill-fehmiet espressi permezz tad-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza, inklużi r-riżoluzzjonijiet mill-Parlament Ewropew jekk jiġu pprovduti.

(62) Sabiex tiġi żgurata allokazzjoni effiċjenti u koerenti ta' fondi u biex jiġi rrispettat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-azzjonijiet f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti u komplementari mal-programmi attwali tal-Unjoni, filwaqt li jevitaw finanzjament doppju mill-Faċilità u programmi oħrajn tal-Unjoni għall-istess nefqa. B'mod partikolari, fl-istadji kollha tal-proċess, il-Kummissjoni u l-Istat Membru jenħtieġ li jiżguraw koordinazzjoni effettiva sabiex jissalvagwardjaw il-konsistenza, il-komplementarjetà u s-sinerġija bejn is-sorsi ta' finanzjament. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu meħtieġa jippreżentaw l-informazzjoni rilevanti dwar il-finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat meta jippreżentaw il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni. L-appoġġ finanzjarju fl-ambitu tal-Faċilità jenħtieġ li jkun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut taħt programmi u strumenti oħra tal-Unjoni, inkluż il-Programm InvestEU. Il-proġetti ta' riformi u investiment iffinanzjati mill-Faċilità jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu finanzjament minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni sakemm tali appoġġ ma jkoprix l-istess kostijiet.

(63) Il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Faċilità u tkejjel il-kisba tal-objettivi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament b'mod immirat u proporzjonat. Meta jsir il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Faċilità, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet u r-riżultati jinġabru b'mod effiċjenti, effikaċi u fil-ħin. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni. Permezz ta' atti delegati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi l-indikaturi komuni li għandhom jintużaw għar-rappurtar dwar il-progress u għall-fini ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Faċilità u tiddefinixxi metodoloġija għar-rappurtar tan-nefqa soċjali, inkluż fit-tfal u ż-żgħażagħ, fl-ambitu tal-Faċilità.

(64) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[1], din il-Faċilità jenħtieġ li tiġi evalwata fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-Istati Membri, u r-regolamentazzjoni żejda. Jekk xieraq, dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Faċilità fil-post.

(65) Jenħtieġ li tiġi stabbilita tabella ta' valutazzjoni dedikata permezz ta' att delegat biex jintwera l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri f'kull wieħed mis-sitt pilastri u l-progress miksub fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza fir-rigward tal-indikaturi komuni tal-Faċilità. It-tabella ta' valutazzjoni jenħtieġ li tkun operattiva sa Diċembru 2021 u jenħtieġ li tiġi aġġornata mill-Kummissjoni fuq bażi ta' darbtejn fis-sena.

---

1 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(66) Sabiex jiġi żgurat rappurtar xieraq dwar il-prestazzjoni u monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tal-Faċilità, inkluż dwar in-nefqa soċjali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-tabella ta' valutazzjoni dedikata li turi l-progress tal-implimentazzjoni u l-indikaturi komuni li għandhom jintużaw, kif ukoll il-metodoloġija għar-rappurtar tan-nefqa soċjali, inkluż dwar it-tfal u ż-żgħażagħ. Huwa partikularment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jaħdmu fuq it-tħejjija ta' atti delegati.

(67) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità. Dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar il-progress li sar mill-Istati Membri skont il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza approvati. Jenħtieġ li jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri, il-pagamenti u s-sospensjonijiet, kif ukoll dwar il-kontribut tal-Faċilità għall-miri klimatiċi u diġitali, l-indikaturi komuni u n-nefqa ffinanzjata fl-ambitu tas-sitt pilastri.

(68) Jenħtieġ li titwettaq evalwazzjoni indipendenti ta' nofs it-terminu li tħares lejn il-kisba tal-objettivi tal-Faċilità, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi tagħha u l-valur miżjud tagħha. Jekk xieraq, l-evalwazzjoni jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn proposta għal emendi għal dan ir-Regolament. Barra minn hekk, evalwazzjoni indipendenti ex post jenħtieġ li tittratta l-impatt fit-tul tal-Faċilità.

(69) Il-valutazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri u l-appoġġ finanzjarju korrispondenti jenħtieġ li jiġu adottati mill-Kunsill permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, fuq proposta mill-Kummissjoni. Għal dak il-għan, u sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-ħlas tal-appoġġ finanzjarju meta jiġu ssodisfati l-istadji importanti u l-miri rilevanti jenħtieġ li jiġu konferiti lill-Kummissjoni u jiġu eżerċitati minnha f'konformità mal-proċedura ta’ eżami tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. B'kont meħud tal-ħtieġa possibbli ta' pagament fil-pront tal-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità, f’konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, il-President tal-kumitat skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jikkunsidra l-possibbiltà, għal kwalunkwe abbozz ta' att ta' implimentazzjoni, li jitqassar il-limitu ta' żmien għat-tlaqqigħ tal-kumitat u l-limitu ta' żmien biex il-kumitat jagħti l-opinjoni tiegħu.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(70) Wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istat Membru kkonċernat u għall-Kummissjoni li jaqblu dwar ċerti arranġamenti operazzjonali ta' natura teknika, li jispjegaw fid-dettall l-aspetti tal-implimentazzjoni fir-rigward tal-iskedi ta' żmien, l-indikaturi għall-istadji importanti u l-miri, u l-aċċess għal data sottostanti. Sabiex tiġi żgurata r-rilevanza kontinwa tal-arranġamenti operazzjonali fir-rigward taċ-ċirkostanzi prevalenti matul l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, jenħtieġ li jkun possibbli li l-elementi ta' tali arranġamenti operazzjonali jistgħu jiġu mmodifikati b'kunsens reċiproku.

(71) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 322 TFUE japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwisti, premji, implimentazzjoni indiretta, u jipprovdu għal verifiki dwar ir-responsabbiltà ta' atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati skont l-Artikolu 322 tat-TFUE jinkludu ukoll reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(72) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[2], (Euratom, KE) Nru 2185/96[3] u (UE) 2017/1939[4], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri dwar il-prevenzjoni, id-detezzjoni, ir-rettifika u l-investigazzjoni ta' frodi, korruzzjoni u konflitti ta' interess, u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' pieni amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (EU, Euratom) Nru 883/2013, l-OLAF għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, fosthom kontrolli u spezzjonijiet fil-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni, konflitti ta' interess jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-UPPE għandu s-setgħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939 biex jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi, korruzzjoni, konflitti ta' interess u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw il-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kwalunkwe terza persuna involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

---

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

5 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

(73) Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li timpenja ruħha f'attivitajiet ta' komunikazzjoni biex tiżgura l-viżibilità tal-finanzjament tal-Unjoni, u, jekk ikun xieraq, tiżgura li l-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut permezz ta' dikjarazzjoni ta' finanzjament.

(74) Billi l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(75) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

## Dispożizzjonijiet ġenerali u finanzjament

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (il-"Faċilità").

Jistabbilixxi l-objettivi tal-Faċilità, il-finanzjament tagħha, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu tagħha u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Fondi tal-Unjoni" tfisser fondi koperti minn Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (ir-"Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027");

(2) "kontribuzzjoni finanzjarja" tfisser appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli fl-ambitu tal-Faċilità li huwa disponibbli għall-allokazzjoni jew li jkun ġie allokat lill-Stat Membru;

(3) Semestru Ewropew tfisser il-proċess stabbilit mill-Artikolu 2-a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[1];

(4) "stadji importanti u miri" tfisser miżuri ta' progress lejn il-kisba ta' riforma jew investiment, bl-istadji importanti jkunu kisbiet kwalitattivi u l-miri jkunu kisbiet kwantitattivi;

(5) "reżiljenza" tfisser il-ħila li jiġu ffaċċjati x-xokkijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali jew il-bidliet strutturali persistenti b'mod ġust, sostenibbli u inklużiv; u

(6) "la tagħmilx ħsara sinifikanti" tfisser li ma jiġux appoġġati jew imwettqa attivitajiet ekonomiċi li jagħmlu ħsara sinifikanti lil kwalunkwe objettiv ambjentali, fejn rilevanti, fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

*Artikolu 3*

*Kamp ta' applikazzjoni*

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Faċilità għandu jirreferi għal oqsma ta' politika ta' rilevanza Ewropea strutturati f'sitt pilastri:

(a) it-tranżizzjoni ekoloġika;

(b) it-trasformazzjoni diġitali;

(c) it-tkabbir smart, sostenibbli u inklużiv, inklużi l-koeżjoni ekonomika, l-impjiegi, il-produttività, il-kompetittività, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u suq intern li jiffunzjona tajjeb b'SMEs b'saħħithom;

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1)

(d) il-koeżjoni soċjali u territorjali;

(e) is-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, bl-għan li, inter alia, tiżdied il-kapaċità ta' tħejjija għall-kriżijiet u ta’ reazzjoni għall-kriżijiet; u

(f) il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet.

*Artikolu 4*

*Objettivi ġenerali u speċifiċi*

1. F'konformità mas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 ta’ dan ir-Regolament, il-koerenza u s-sinerġiji li jiġġeneraw, u fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, l-objettiv ġenerali tal-Faċilità għandu jkun li tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb ir-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżijiet, il-kapaċità ta' aġġustament u l-potenzjal ta' tkabbir tal-Istati Membri, billi ttaffi l-impatt soċjali u ekonomiku ta' dik il-kriżi, b'mod partikolari fuq in-nisa, billi tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, billi tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika, billi tikkontribwixxi għall-ksib tal-miri klimatiċi tal-2030 tal-Unjoni stabbiliti fil-punt 11 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u billi tikkonforma mal-objettiv ta' newtralità klimatika tal-UE sal-2050, u tat-tranżizzjoni diġitali, u b'hekk tikkontribwixxi għall-konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq, għall-ksib mill-ġdid u l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u l-integrazzjoni tal-ekonomiji tal-Unjoni, it-trawwim tal-ħolqien tal-impjiegi b'livell għoli ta' kwalità, u tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni flimkien ma' ekonomija miftuħa, u tiġġenera valur miżjud Ewropew.

2. Sabiex jinkiseb dak l-objettiv ġenerali, l-objettiv speċifiku tal-Faċilità għandu jkun li tipprovdi lill-Istati Membri b'appoġġ finanzjarju bil-ħsieb li jinkisbu l-istadji importanti u l-miri tar-riformi u l-investimenti kif stabbilit fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Dan l-objettiv speċifiku għandu jiġi segwit f'kooperazzjoni mill-qrib u trasparenti mal-Istati Membri kkonċernati.

*Artikolu 5*

*Prinċipji orizzontali*

1. L-appoġġ mill-Faċilità m'għandux, għajr f'każijiet debitament ġustifikati, jissostitwixxi n-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti u għandu jirrispetta l-prinċipju tal-addizzjonalità tal-finanzjament tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 9.

2. Il-Faċilità għandha tappoġġa biss il-miżuri li jirrispettaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti.

*Artikolu 6*

*Riżorsi mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru*

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2020/2094 għandhom jiġu implimentati fl-ambitu tal-Faċilità:

   (a) permezz ta' ammont ta' massimu ta' EUR 312 500 000 000 kif imsemmi fil-punt (ii) tal-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (UE) 2020/2094 fi prezzijiet tal-2018, disponibbli għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, soġġett għall-Artikolu 3(4) u (7) tar-Regolament (UE) 2020/2094.

Kif previst fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/2094, dawk l-ammonti għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern għall-fini tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju;

(b) permezz ta' ammont ta' massimu ta' EUR 360 000 000 000 kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2020/2094 fi prezzijiet tal-2018, disponibbli għall-appoġġ fil-forma ta' self lill-Istati Membri skont l-Artikoli 14 u 15 ta' dan ir-Regolament, soġġett għall-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) 2020/2094.

2. L-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 jistgħu jkopru wkoll spejjeż li huma ta' attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Faċilità u l-ksib tal-objettivi tagħha, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet ta' sensibbilizzazzjoni inklużivi u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, kemm-il darba jkunu marbuta mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, l-ispejjeż marbuta man-networks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, u l-ispejjeż l-oħra kollha tal-assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Faċilità. L-ispejjeż jistgħu jkopru wkoll il-kostijiet ta' attivitajiet oħra ta' appoġġ bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti fuq il-post u l-kostijiet tal-konsulenza bejn il-pari u l-esperti għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti.

*Artikolu 7*

*Riżorsi mill-programmi b'ġestjoni kondiviża u użu ta' riżorsi*

1. Ir-riżorsi allokati għall-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża, fuq talba tagħhom, jistgħu jiġu trasferiti għall-Faċilità soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi b'mod dirett f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istati Membri jistgħu jipproponu li jinkludu fil-pjan tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, bħala kostijiet stmati, il-ħlas għal appoġġ tekniku addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/...[+] u l-ammont tal-kontribuzzjoni fi flus għall-fini tal-kompartiment tal-Istat Membru skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament InvestEU. Dawk il-kostijiet m'għandhomx jaqbżu l-4 % tal-allokazzjoni finanzjarja totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, u l-miżuri rilevanti, kif stabbilit fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 61/20 (2020/0103(COD)).

*Artikolu 8*

*Implimentazzjoni*

Il-Faċilità għandha tiġi implimentata mill-Kummissjoni b'ġestjoni diretta f'konformità mar-regoli rilevanti adottati skont l-Artikolu 322 tat-TFUE, b'mod partikolari r-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

*Artikolu* 9

Addizzjonalità u finanzjament komplementari

L-appoġġ mill-Faċilità għandu jkun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni. Proġetti ta' riformi u ta' investiment jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni sakemm tali appoġġ ma jkoprix l-istess kost.

*Artikolu* 10

Miżuri li jorbtu l-Faċilità mal-governanza ekonomika soda

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta lill-Kunsill biex jissospendi l-impenji jew il-pagamenti kollha jew parti minnhom fejn il-Kunsill jiddeċiedi skont l-Artikolu 126(8) jew (11) TFUE li Stat Membru ma jkunx ħa azzjoni effettiva biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu, sakemm ma jkunx iddetermina l-eżistenza ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku għall-Unjoni kollha kemm hi fis-sens tal-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97[2].

---

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (OJ L 433I , 22.12.2020, p. 1).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel proposta lill-Kunsill biex jissospendi l-impenji jew il-pagamenti kollha jew parti minnhom fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-Kunsill jadotta żewġ rakkomandazzjonijiet suċċessivi fl-istess proċedura ta' żbilanċ eċċessiv skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għar-raġunijiet li Stat Membru jkun ressaq pjan ta' azzjoni korrettiva insuffiċjenti;

(b) meta l-Kunsill jadotta żewġ deċiżjonijiet suċċessivi fl-istess proċedura ta' żbilanċ eċċessiv skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 li permezz tagħhom jistabbilixxi nonkonformità minn Stat Membru għar-raġunijiet li ma jkunx ħa l-azzjoni korrettiva rakkomandata;

(c) meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx ħa miżuri kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 u b'konsegwenza ta' hekk tiddeċiedi li ma tawtorizzax l-iżborż tal-assistenza finanzjarja mogħtija lil dak l-Istat Membru;

(d) meta l-Kunsill jiddeċiedi li Stat Membru ma jikkonformax mal-programm ta' aġġustament makroekonomiku msemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, jew mal-miżuri mitluba b'deċiżjoni tal-Kunsill adottata skont l-Artikolu 136(1) tat-TFUE.

Għandha tingħata prijorità lis-sospensjoni tal-impenji; il-pagamenti għandhom jiġu sospiżi biss meta tintalab azzjoni immedjata u f'każ ta' nonkonformità sinifikanti.

Id-Deċiżjoni li tissospendi l-pagamenti għandha tapplika għat-talbiet għall- pagamenti ppreżentati wara d-data tad-deċiżjoni ta' sospensjoni.

3. Proposta mill-Kummissjoni għal deċiżjoni tassospensjoni tal-impenji għandha titqies bħala adottata mill-Kunsill sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li jirrifjuta tali proposta b'maġġoranza kwalifikata fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

Is-sospensjoni tal-impenji għandha tapplika għall-impenji mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' sospensjoni.

Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, dwar proposta mill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 b'rabta mas-sospensjoni tal-pagamenti.

4. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell tas-sospensjoni tal-impenji jew tal-pagamenti li jridu jiġu imposti għandhom ikunu proporzjonati, jirrispettaw l-ugwaljanza tat-trattament bejn l-Istati Membri u jqisu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari l-livell ta' qgħad, il-livell ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Istat Membru kkonċernat meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni u l-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat.

5. Is-sospensjoni tal-impenji għandha tkun soġġetta għal massimu ta' 25 % tal-impenji jew 0,25 % tal-PDG nominali, skont liema jkun l-inqas, fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) fl-ewwel każ ta' nonkonformità bi proċedura ta' defiċit eċċessiv kif imsemmi fil-paragrafu 1;

(b) fl-ewwel każ ta' nonkonformità relatat ma' pjan ta' azzjoni korrettiva fl-ambitu ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2;

(c) fil-każ ta' nonkonformità mal-azzjoni korrettiva rakkomandata skont proċedura ta' żbilanċ eċċessiv kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2;

(d) fl-ewwel każ ta' nonkonformità kif imsemmi fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 2.

Fil-każ ta' nonkonformità persistenti, is-sospensjoni tal-impenji tista' taqbeż il-perċentwali massimi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

6. Il-Kunsill għandu jneħħi s-sospensjoni tal-impenji fuq proposta mill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tinżamm sospiża skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jew il-Kunsill jiddeċiedi li skont l-Artikolu 126(12) tat-TFUE jħassar id-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv;

(b) meta l-Kunsill ikun approva pjan ta' azzjoni korrettiva mressaq mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 jew il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv tinżamm sospiża f'konformità mal-Artikolu 10(5) ta' dak ir-Regolament jew il-Kunsill ikun għalaq il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament;

(c) meta l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li Stat Membru jkun ħa l-miżuri xierqa kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 332/2002;

(d) meta l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-Istat Membru kkonċernat ikun ħa l-miżuri xierqa biex jimplimenta l-programm ta' aġġustament makroekonomiku imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 jew il-miżuri mitluba b'deċiżjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 136(1) tat-TFUE.

Wara li l-Kunsill ikun neħħa s-sospensjoni tal-impenji, il-Kummissjoni tista' terġa' tidħol fl-impenji preċedentement sospiżi mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(4), (7) u (9) tar-Regolament (UE) 2020/2094.

Deċiżjoni dwar it-tneħħija tas-sospensjoni tal-pagamenti għandha tittieħed mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3, fejn il-kundizzjonijiet applikabbli stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jiġu ssodisfati.

7. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. B'mod partikolari, meta l-Kummissjoni tagħmel proposta skont il-paragrafi 1 jew 2, għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew u tipprovdi dettalji tal-impenji u tal-pagamenti li jistgħu jkunu soġġetti għal sospensjoni.

Il-Kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni tiddiskuti l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu fil-kuntest ta' djalogu strutturat sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jesprimi l-fehmiet tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-konsiderazzjoni dovuta lill-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-proposta għal sospensjoni jew il-proposta biex titneħħa tali sospensjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien wara l-adozzjoni tagħha. Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni biex tispjega r-raġunijiet għall-proposta tagħha.

8. Sal-31 ta’ Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport u għandha tittrażmettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat meta meħtieġ minn proposta leġiżlattiva.

9. Meta jkun hemm bidliet kbar fis-sitwazzjoni soċjali u ekonomika fl-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta biex tagħmel rieżami tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill, li jaġixxu skont l-Artikoli 225 jew 241 tat-TFUE rispettivament, jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tressaq tali proposta.

# KAPITOLU II

## Kontribuzzjoni finanzjarja,

## proċess ta' allokazzjoni, self u rieżami

*Artikolu 11*

*Kontribuzzjoni finanzjarja massima*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għandha tiġi kkalkulata għal kull Stat Membru kif ġej:

(a) għal 70 % tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1), ikkonvertit fi prezzjijiet attwali, abbażi tal-popolazzjoni, l-invers tal-PDG per capita u r-rata ta' qgħad relattiva ta' kull Stat Membru kif stabbilita fil-metodoloġija fl-Anness II;

(b) għat-30 % li jifdal tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1), ikkonvertit fi prezzjijiet attwali, abbażi tal-popolazzjoni, l-invers tal-PDG per capita, u fi proporzjon ugwali, il-bidla fil-PDG reali fl-2020 u l-bidla aggregata fil-PDG reali għall-perjodu 2020-2021 kif stabbilita fil-metodoloġija fl-Anness III. Il-bidla fil-PDG reali għall-2020 u l-bidla aggregata fil-PDG reali għall-perjodu 2020-2021 għandhom ikunu bbażati fuq il-previżjonijiet tal-Ħarifa 2020 tal-Kummissjoni.

2. Il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 għandu jkun aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022 għal kull Stat Membru billi tiġi sostitwita d-data mill-previżjonijiet tal-Ħarifa 2020 tal-Kummissjoni bl-eżiti attwali fir-rigward tal-bidla fil-PDG 2020 reali u l-bidla aggregata fil-PDG reali għall-perjodu 2020-2021.

*Artikolu 12*

*Allokazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja*

1. Kull Stat Membru jista' jippreżenta talba sal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tiegħu, imsemmija fl-Artikolu 11, biex jimplimenta l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli allokazzjoni ta' 70 % tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1), ikkonvertit fi prezzjijiet attwali.

3. Mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-allokazzjoni 30 % tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1), ikkonvertit fi prezzjijiet attwali.

4. L-allokazzjonijiet skont il-paragrafi 2 u 3 huma mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(2).

*Artikolu 13*

*Prefinanzjament*

1. Soġġett għall-adozzjoni sal-31 ta’ Diċembru 2021 mill-Kunsill tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(1), u meta mitluba minn Stat Membru flimkien mas-sottomissjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu, il-Kummissjoni għandha tagħmel pagament ta' prefinanzjament ta' ammont sa 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja, u, fejn applikabbli, sa 13 % tas-self kif stabbilit fl-Artikolu 20(2) u (3). B'deroga mill-Artikolu 116(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-pagament korrispondenti fi żmien, sa fejn ikun possibbli, xahrejn wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-impenn legali msemmi fl-Artikolu 23.

2. F'każijiet ta' prefinanzjament skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u, fejn applikabbli, is-self li għandu jitħallas kif imsemmi fil-punt (a) jew punt (h) tal-Artikolu 20(5) rispettivament, għandhom jiġu aġġustati b'mod proporzjonat.

3. Jekk l-ammont ta' prefinanzjament tal-kontribuzzjoni finanzjarja skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jaqbeż it-13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11(2) sat-30 ta' Ġunju 2022, il-pagament awtorizzat li jmiss f'konformità mal-Artikolu 19a(3), u jekk ikun meħtieġ, il-pagamenti sussegwenti, għandhom jitnaqqsu sakemm jiġi paċut l-ammont żejjed. Jekk il-pagamenti pendenti jkunu insuffiċjenti, l-ammont żejjed għandu jingħata lura.

*Artikolu 14*

*Self*

1. Sal-31 ta' Diċembru 2023, fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti self lill-Istat Membru kkonċernat għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.

2. Stat Membru jista' jitlob appoġġ fil-forma ta' self fil-ħin tal-preżentazzjoni ta' pjan għall-irkupru u r-reżiljenza msemmi fl-Artikolu 15, jew f'mument differenti sal-
31 ta' Awwissu 2023. Fil-każ tal-aħħar, it-talba għandha tkun akkumpanjata minn pjan ta' rkupru u reżiljenza rivedut, li jinkludi stadji importanti u miri addizzjonali.

3. It-talba għal appoġġ fil-forma ta' self minn Stat Membru għandha tistipula:

(a) ir-raġunijiet għall-appoġġ fil-forma ta’ self, ġustifikati mill-ħtiġijiet finanzjarji ogħla marbuta ma' riformi u investimenti addizzjonali;

(b) ir-riformi u l-investimenti addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 18;

(c) il-kost ogħla tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza kkonċernat imqabbel mal-ammont tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji allokati għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza rispettivament skont il-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 20(4)

4. L-appoġġ fil-forma ta’ self għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istat Membru kkonċernat ma għandux ikun ogħla mid-differenza bejn il-kost totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif rivedut jekk rilevanti, u l-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 11.

5. Il-volum massimu tal-appoġġ fil-forma ta' self għal kull Stat Membru ma għandux jaqbeż is-6,8 % tal-ING tiegħu tal-2019 fi prezzijiet attwali.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi, l-ammont tal-appoġġ fil-forma ta' self jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jiżdied.

7. Is-self għandu jitħallas f'pagamenti rateali soġġetti għat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri f'konformità mal-Artikolu 20(5)(h).

8. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba għal appoġġ fil-forma ta' self f'konformità mal-Artikolu 19. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni, fuq proposta mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 20(1). Jekk xieraq, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jiġi emendat skont dan.

*Artikolu 15*

*Ftehim ta' self*

1. Qabel ma tidħol fi ftehim ta' self mal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk:

(a) il-ġustifikazzjoni biex jintalab appoġġ fil-forma ta' self u l-ammont tiegħu humiex ikkunsidrati raġonevoli u plawżibbli fir-rigward tar-riformi u l-investimenti addizzjonali; u

(b) ir-riformi u l-investimenti addizzjonali jikkonformawx mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3).

2. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li t-talba għal appoġġ fil-forma ta' self tissodisfa l-kriterji tal-paragrafu 1, u mal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 20(1), il-Kummissjoni għandha tidħol fi ftehim ta' self mal-Istat Membru kkonċernat. Il-ftehim ta' self, flimkien mal-elementi stabbiliti fl-Artikolu 220(5) tar-Regolament Finanzjarju, għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:

(a) l-ammont tas-self f'euro inkluż, fejn applikabbli, l-ammont tas-self prefinanzjat f'konformità mal-Artikolu 13;

(b) il-maturità medja; l-Artikolu 220(2) tar-Regolament Finanzjarju ma għandux japplika fir-rigward ta' din il-maturità;

(c) il-formula tal-ipprezzar, u l-perjodu ta' disponibbiltà tas-self;

(d) in-numru massimu ta' pagamenti u l-iskeda ta' ħlas lura;

(e) l-elementi l-oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-self b'rabta mar-riformi u l-proġetti ta' investiment ikkonċernati f'konformità mad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 20(3).

3. F'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 220(5) tar-Regolament Finanzjarju, il-kostijiet marbuta mas-self ta' fondi għas-selfiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-Istati Membri benefiċjarji.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' self relatati ma' self mogħti f'konformità ma' dan l-Artikolu.

5. Stat Membru li jibbenefika minn self mogħti f'konformità ma' dan l-Artikolu għandu jiftaħ kont dedikat għall-ġestjoni tas-self riċevut. Għandu wkoll jittrasferixxi l-kapital u l-imgħax dovuti fuq kwalunkwe self relatat f'kont indikat mill-Kummissjoni f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti skont -paragrafu 4, għoxrin jum ta' negozju qabel id-data ta' maturità korrispondenti.

*Artikolu 16*

*Rapport ta' rieżami*

1. Sal-31 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità.

2. Ir-rapport ta' rieżami għandu jispjega l-elementi li ġejjin:

   (a) valutazzjoni ta' kemm l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza hija konformi mal-kamp ta' applikazzjoni u kemm tikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali ta' dan ir-Regolament skont is-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3, inkluż kif il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel;

   (b) valutazzjoni kwantitattiva tal-kontribut tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għal:

      (i) il-mira klimatika ta' mill-inqas 37 %,

      (ii) il-mira diġitali ta' mill-inqas 20 %,

      (iii) kull wieħed mis-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3;

   (c) l-istat tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u l-osservazzjonijiet u l-gwida lill-Istati Membri qabel l-aġġornament tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza imsemmija fl-Artikolu 18(2).

3. Għall-finijiet tar-rapport ta' rieżami msemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis it-Tabella ta' Valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 30, ir-rapporti tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 27, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar l-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza kif disponibbli mill-proċeduri ta' pagament, ta' sospensjoni u ta' terminazzjoni msemmija fl-Artikolu 24.

4. Il-Kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta s-sejbiet ewlenin tar-rapport ta' rieżami fil-kuntest tad-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza msemmi fl-Artikolu 26.

## KAPITOLU III

## Pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza

### *Artikolu 17*

### *Eliġibbiltà*

1. Fil-kamp ta' applikazzjoni spjegat fl-Artikolu 3 u skont l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom iħejju pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Dawk il-pjanijiet għandhom jistabbilixxu l-aġenda ta' riforma u investiment tal-Istat Membru kkonċernat. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza li huma eliġibbli għall-finanzjament fl-ambitu tal-Faċilità għandhom jinkludu miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment pubbliku permezz ta' pakkett komprensiv u koerenti, li jista' jinkludi wkoll skemi pubbliċi li għandhom il-mira li jinċentivizzaw l-investiment privat.

2. Il-miżuri mibdija mill-1 ta' Frar 2020 'il quddiem għandhom ikunu eliġibbli sakemm jikkonformaw mar-rekwiżiti spjegati f'dan ir-Regolament.

3. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom ikunu konsistenti mal-isfidi u l-prijoritajiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, kif ukoll ma' dawk identifikati fl-aktar rakkomandazzjoni reċenti tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom ikunu konsistenti wkoll mal-informazzjoni inkluża mill-Istati Membri fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma fl-ambitu tas-Semestru Ewropew, fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħhom u fl-aġġornamenti tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1999, fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta fl-ambitu ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta (ir-"Regolament dwar il-Fond ta’ Tranżizzjoni Ġusta"), fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operazzjonali fl-ambitu tal-fondi tal-Unjoni.

4. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom jirrispettaw il-prinċipji orizzontali stabbiliti fl-Artikolu 5.

5. Jekk Stat Membru jkun eżentat mill-monitoraġġ u l-valutazzjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fuq il-bażi tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, jew ikun soġġett għal sorveljanza skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002, dan ir-Regolament għandu japplika għall-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-isfidi u l-prijoritajiet identifikati mill-miżuri stabbiliti f’dawk ir-regolamenti.

*Artikolu 18*

*Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza*

1. Stat Membru li jixtieq jirċievi kontribuzzjoni finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 12 għandu jippreżenta lill-Kummissjoni pjan għall-irkupru u r-reżiljenza kif definit fl-Artikolu 17(1).

2. Wara li l-Kummissjoni tagħmel disponibbli għall-allokazzjoni l-ammont imsemmi fl-Artikolu 12(3), Stat Membru jista' jaġġorna u jippreżenta l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11(2).

3. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentat mill-Istat Membru jista' jiġi ppreżentat f'dokument integrat wieħed flimkien mal-Programm Nazzjonali ta' Riforma u għandu jiġi ppreżentat uffiċjalment, bħala regola, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April. Jista' jiġi ppreżentat abbozz tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mill-Istati Membri mill-15 ta' Ottubru tas-sena ta' qabel.

4. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jkun dovutament motivat u sostanzjat. B'mod partikolari għandu jistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

   (a) spjegazzjoni dwar kif il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jqis il-miżuri inklużi fih, jirrappreżenta rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għall-pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat;

(b) spjegazzjoni dwar kif il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom, identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż, inkluż l-aspetti fiskali tagħhom, u r-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fejn xieraq, indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat, jew sfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew;

(c) spjegazzjoni dettaljata ta' kif il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jsaħħaħ il-potenzjal ta' tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażagħ, u jtaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-Covid-19, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u b'hekk jissaħħu l-koeżjoni u l-konverġenza ekonomiċi, soċjali u territorjali fi ħdan l-Unjoni;

(d) spjegazzjoni ta' kif il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti");

(e) spjegazzjoni kwalitattiva ta' kif il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistennija jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-bijodiversità, jew jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha, u jekk jikkostitwixxux ammont li jirrappreżenta mill-inqas 37 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, abbażi tal-metodoloġija tat-trekkjar klimatiku stabbilita fl-Anness VI; dik il-metodoloġija għandha tintuża kif xieraq għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal qasam ta' intervent elenkat fit-tabella; il-koeffiċjenti għall-appoġġ għall-objettivi klimatiċi jistgħu jiżdiedu sa ammont totali ta' 3 % tal-allokazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal investimenti individwali biex jitqiesu l-miżuri ta' riforma ta' akkumpanjament li jżidu b'mod kredibbli l-impatt tagħhom fuq l-objettivi klimatiċi kif spjegat fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza;

(f) spjegazzjoni ta' kif il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma mistennija jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-isfidi li jirriżultaw minnha, u jekk jikkostitwixxux ammont li jirrappreżenta tal-inqas 20 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, abbażi tal-metodoloġija għall-ittaggjar diġitali stabbilita fl-Anness VII; dik il-metodoloġija għandha tintuża kif xieraq għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal qasam ta' intervent elenkat fl-Anness VII; il-koeffiċjenti għall-appoġġ għall-objettivi diġitali jistgħu jiżdiedu għall-investimenti individwali biex jitqiesu l-miżuri ta' riforma ta' akkumpanjament li jżidu l-impatt tagħhom fuq l-objettivi diġitali;

(g) fejn xieraq, għall-investimenti fil-kapaċitajiet u l-konnettività diġitali, awtovalutazzjoni tas-sigurtà bbażata fuq kriterji oġġettivi komuni li tidentifika kwalunkwe kwistjoni ta' sigurtà, u li tagħti dettalji dwar kif dawk il-kwistjonijiet se jiġu indirizzati sabiex ikun hemm konformità mal-liġijiet tal-Unjoni u nazzjonali rilevanti;

(h) indikazzjoni ta' jekk il-miżuri inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludux proġetti transfruntiera jew li jinvolvu diversi pajjiżi;

(i) l-istadji importanti previsti, il-miri u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni tar-riformi, u l-investimenti li għandhom jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026;

(j) il-proġetti ta' investiment previsti u l-perjodu ta' investiment relatat;

(k) il-kostijiet totali stmati tar-riformi u l-investimenti koperti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentat (imsejjaħ ukoll "il-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza") appoġġat minn ġustifikazzjoni xierqa u minn spjegazzjonijiet kif dan huwa konformi mal-prinċipju ta' kosteffiċjenza u proporzjonat għall-impatt ekonomiku u soċjali mistenni fil-livell nazzjonali;

(l) jekk ikun rilevanti, informazzjoni dwar finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat;

(m) il-miżuri ta' akkumpanjament li jistgħu jkunu meħtieġa;

(n) ġustifikazzjoni tal-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; u spjegazzjoni tal-konsistenza tiegħu mal-prinċipji, il-pjanijiet u l-programmi msemmija fl-Artikolu 17;

(o) spjegazzjoni ta' kif il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistennija jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-opportunitajiet indaqs għal kulħadd u l-integrazzjoni ta' dawn l-objettivi, f'konformità mal-prinċipji 2 u 3 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti 5 u, fejn rilevanti, mal-istrateġija nazzjonali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(p) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mill-Istati Membri kkonċernati, inkluż l-istadji importanti u l-miri proposti, u l-indikaturi relatati;

(q) għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq skont il-qafas legali nazzjonali, tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u kif l-input tal-partijiet ikkonċernati huwa rifless fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza;

(r) spjegazzjoni tas-sistema tal-Istat Membru biex jipprevjeni, jidentifika u jirrettifika korruzzjoni, frodi u konflitti ta' interessi, meta jkunu qed jintużaw il-fondi pprovduti taħt il-Faċilità, u l-arranġamenti li għandhom il-mira li jevitaw il-finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħra tal-Unjoni;

(s) jekk ikun xieraq, it-talba għal appoġġ fil-forma ta' self u l-istadji importanti addizzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 14(2) u (3) u l-elementi tagħhom; u

(t) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

5. Fit-tħejjija ta' proposti għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni torganizza skambju ta' prattiki tajba sabiex l-Istati Membri rikjedenti jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-esperjenza ta' Stati Membri oħra. L-Istati Membri jistgħu wkoll jitolbu appoġġ tekniku permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jrawmu sinerġiji mal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Stati Membri oħra.

*Artikolu 19*

*Valutazzjoni tal-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jew, fejn applikabbli, l-aġġornament għal dak il-pjan kif ippreżentat mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 18(1) jew 18(2) fi żmien xahrejn mill-preżentazzjoni uffiċjali, u tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 20(1). Waqt li twettaq dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni tista' tagħmel kummenti jew tfittex informazzjoni addizzjonali. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali mitluba u jista' jirrevedi l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jekk ikun meħtieġ, inkluż wara l-preżentazzjoni uffiċjali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu li jestendu l-iskadenza għall-valutazzjoni f’perjodu raġonevoli jekk ikun meħtieġ.

2. Meta tivvaluta l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u fid-determinazzjoni tal-ammont li jrid jiġi allokat lill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni analitika dwar l-Istat Membru kkonċernat disponibbli fil-kuntest tas-Semestru Ewropew kif ukoll il-ġustifikazzjoni u l-elementi pprovduti mill-Istat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 18(3), u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra bħal, b'mod partikolari, l-informazzjoni li tinsab fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima ta' dak l-Istat Membru, fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta fl-ambitu tar-Regolament dwar il-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta, fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u, jekk ikun rilevanti, informazzjoni minn appoġġ tekniku rċevut permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u, għal dak il-għan, għandha tqis il-kriterji li ġejjin li għandha tapplika f'konformità mal-Anness V:

Rilevanza:

(a) jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżentax rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha kemm huma msemmija fl-Artikolu 3, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat;

(b) jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwiex mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom, identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, inklużi l-aspetti fiskali u r-rakkomandazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fejn xieraq, indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat jew sfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew;

(c) jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwiex mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Istat Membru, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażagħ, u jtaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fi ħdan l-Unjoni;

(d) jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwiex mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"); il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida teknika lill-Istati Membri għal dak il-għan;

(e) jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludix miżuri li jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha, u jekk jikkostitwixxux ammont li jirrappreżenta mill-inqas 37 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, abbażi tal-metodoloġija tat-trekkjar klimatiku stabbilita fl-Anness VI; il-metodoloġija għandha tintuża kif xieraq għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal qasam ta' intervent elenkat fl-Anness VI; il-koeffiċjenti għall-appoġġ għall-objettivi klimatiċi jistgħu jiżdiedu sa ammont totali ta' 3 % tal-allokazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza biex investimenti individwali jqisu l-miżuri ta' riforma akkumpanjanti li jżidu b'mod kredibbli l-impatt tagħhom fuq l-objettivi klimatiċi, soġġett għall-qbil tal-Kummissjoni;

(f) jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludix miżuri li jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tranżizzjoni diġitali jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha, u jekk jikkostitwixxux ammont li jirrappreżenta mill-inqas 20 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, abbażi tal-metodoloġija għall-ittaggjar diġitali stabbilita fl-Anness VII; il-metodoloġija għandha tintuża b'dan il-mod għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal qasam ta' intervent elenkat fl-Anness VII; il-koeffiċjenti għall-appoġġ għall-objettivi diġitali jistgħu jiżdiedu biex investimenti individwali jqisu l-miżuri ta' riforma akkumpanjanti li jżidu l-impatt tagħhom fuq l-objettivi diġitali;

Effikaċja:

(g) jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hux mistenni li jkollu impatt fit-tul fuq l-Istat Membru kkonċernat;

(h) jekk l-arranġamenti proposti mill-Istati Membri kkonċernati humiex mistennija jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.

Effiċjenza:

(i) jekk il-ġustifikazzjoni mogħtija mill-Istat Membru dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hijiex raġonevoli u plawżibbli u hijiex konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hijiex proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni;

(j) jekk l-arranġamenti proposti mill-Istat Membru kkonċernat humiex mistennija jipprevjenu, jidentifikaw u jirrettifikaw korruzzjoni, frodi u konflitti ta' interess meta jkunu qed jintużaw il-fondi pprovduti fl-ambitu tal-Faċilità, inkluż arranġamenti humiex mistennija li għandhom il-mira li jevitaw il-finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħra tal-Unjoni;

Koerenza:

(k) jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fihx miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliċi li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

4. Meta l-Istat Membru kkonċernat ikun talab self kif imsemmi fl-Artikolu 14, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk it-talba għal self tissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(1), u b'mod partikolari jekk ir-riformi u l-investimenti addizzjonali li fir-rigward tagħhom tkun saret dik it-talba, jissodisfawx il-kriterji ta' valutazzjoni tal-paragrafu 3.

5. Jekk il-Kummissjoni tagħti valutazzjoni negattiva għal pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, hija għandha tikkomunika valutazzjoni debitament ġustifikata sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1.

6. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tkun assistita minn esperti.

*Artikolu 20*

*Proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill*

1. Fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu japprova, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentat mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 18(1) jew, fejn applikabbli, tal-aġġornament tiegħu ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 18(2).

2. Fil-każ li l-Kummissjoni tivvaluta pożittivament il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill għandha tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment li jridu jiġu implimentati mill-Istat Membru, inklużi l-istadji importanti u l-miri kif ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji kkalkulati skont l-Artikolu 11.

3. Meta l-Istat Membru kkonċernat jitlob appoġġ fil-forma ta' self, il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill għandha tistabbilixxi wkoll l-ammont tal-appoġġ fil-forma ta' self kif imsemmi fl-Artikolu 14(4) u (5) u r-riformi u l-proġetti ta' investiment addizzjonali li jridu jiġu implimentati mill-Istat Membru koperti minn dak is-self, inkluż l-objettivi intermedji u l-miri addizzjonali.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi determinata abbażi tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza propost mill-Istat Membru kkonċernat, kif ivvalutat skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3). L-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) fejn il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3), u l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jkun ugwali għal, jew ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima kkalkulata għal dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 11, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata lill-Istat Membru kkonċernat għandha tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima kkalkulata għal dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 11;

(b) fejn il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jkun konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3), u l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jkun inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima kkalkulata għal dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 11, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata lill-Istat Membru għandha tkun daqs l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza;

(c) jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jkunx jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3), ma għandha tiġi allokata l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istat Membru kkonċernat.

5. Il-proposta tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1b għandha tistipula wkoll:

(a) il-kontribuzzjoni finanzjarja li trid titħallas bin-nifs ladarba l-Istat Membru jkun wettaq b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti rilevanti u l-miri identifikati b'rabta mal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza;

(b) il-kontribuzzjoni finanzjarja u, fejn applikabbli, l-ammont ta' appoġġ fil-forma ta' self li għandu jitħallas fil-forma ta' prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 wara l-approvazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza;

(c) id-deskrizzjoni tar-riformi u tal-proġetti ta' investiment u l-ammont tal-kost totali stmat tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza;

(d) il-limitu ta' żmien, li għandu jkun mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, sa liema data għandhom jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri finali, kemm għall-proġetti ta' investiment kif ukoll għar-riformi;

(e) l-arranġamenti u l-iskeda għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza inkluż, fejn rilevanti, miżuri neċessarji għall-konformità mal-Artikolu 22;

(f) l-indikaturi rilevanti fir-rigward tal-issodisfar tal-istadji importanti u tal-miri previsti;

(g) l-arranġamenti biex jingħata aċċess sħiħ lill-Kummissjoni għad-data sottostanti rilevanti; u

(h) jekk ikun xieraq, l-ammont tas-self li jrid jitħallas bin-nifs u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self.

6. L-arranġamenti u l-iskeda għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni kif imsemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 5, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti msemmija fil-punt (f) tal-paragrafu 5, l-arranġamenti għall-għoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-data sottostanti msemmija fil-punt (g) tal-paragrafu 5, u, jekk ikun xieraq, l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self imsemmi fil-punt (h) tal-paragrafu 5 għandhom jiġu speċifikati ulterjorment f'arranġamenti operazzjonali li jridu jiġu miftiehma mill-Istat Membru kkonċernat u mill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1.

7. Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, bħala regola, fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

8. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jemenda d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tiegħu adottata f'konformità mal-Artikolu 20(1) biex tinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11(2), mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 21*

*Emendar tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istat Membru*

1. Jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, ma jkunux għadhom jistgħu jinkisbu, la totalment u lanqas parzjalment, mill-Istat Membru kkonċernat minħabba ċirkostanzi oġġettivi, l-Istat Membru kkonċernat jista' jippreżenta talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex jiġu emendati jew sostitwiti d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmijin fl-Artikolu 20(1) u (3). Għal dak l-għan, l-Istat Membru jista' jipproponi pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat jew ġdid. L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ tekniku għat-tħejjija ta' tali proposta fil-qafas tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.

2. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li r-raġunijiet ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat jiġġustifikaw emenda fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza rilevanti, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat jew ġdid skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19, u għandha tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ġdida f'konformità mal-Artikolu 20(1) fi żmien xahrejn mill-preżentazzjoni uffiċjali tat-talba. L-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu li jestendu dik l-iskadenza b'perjodu raġonevoli jekk ikun meħtieġ. Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni ġdida, bħala regola, fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

3. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li r-raġunijiet ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat ma jiġġustifikawx emenda tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, hija għandha tiċħad it-talba fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 2, wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahar mill-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

# KAPITOLU IV
# Dispożizzjonijiet finanzjarji

*Artikolu 22*

*Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

1. Fl-implimentazzjoni tal-Faċilità, l-Istati Membri, bħala benefiċjarji jew mutwatarji ta' fondi taħt il-Faċilità, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u biex jiżguraw li l-użu ta' fondi fir-rigward ta' miżuri appoġġati mill-Faċilità jikkonforma mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u dak nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rettifika ta' frodi, korruzzjoni u konflitt ta' interess. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u l-irkupru ta' ammonti mħallsa bi żball jew użati ħażin. L-Istati Membri jistgħu jserrħu fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-baġit nazzjonali regolari tagħhom.

2. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 15(2) u 23(1) għandhom jipprevedu l-obbligi tal-Istati Membri:

   (a) li jikkontrollaw regolarment li l-finanzjament ipprovdut intuża kif suppost skont ir-regoli applikabbli kollha u li kwalunkwe miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment taħt il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tkun ġiet implimentata kif xieraq f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rettifika ta' frodi, korruzzjoni u konflitti ta' interessi;

(b) li jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jirrettifikaw frodi, korruzzjoni u konflitti ta' interessi kif iddefinit fl-Artikolu 61(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li jieħdu azzjonijiet legali biex jirkupraw fondi li ġew miżappropriati, inkluż b'rabta ma' kwalunkwe miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza;

(c) li jakkumpanjaw talba għall-pagament:

(i) b'dikjarazzjoni ta' ġestjoni li l-fondi ntużaw għall-iskop maħsub tagħhom, li l-informazzjoni ppreżentata mat-talba għall-pagament hija kompluta, preċiża u affidabbli, u li s-sistemi ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-assigurazzjonijiet meħtieġa li l-fondi ġew ġestiti f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari r-regoli dwar l-evitar tal-konflitti ta' interessi, il-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-finanzjament doppju mill-Faċilità u programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba; u

(ii) b'sommarju tal-awditi mwettqa, inklużi d-dgħufijiet identifikati u kwalunkwe azzjoni rettifikattiva meħuda;

(d) li, għall-fini tal-awditjar u l-kontroll u biex jipprevedu informazzjoni komparabbli dwar l-użu tal-fondi fir-rigward ta' miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti ta' investiment fl-ambitu tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, jiġbru u jiżguraw l-aċċess għall-kategoriji standardizzati ta' data li ġejja:

(i) l-isem tar-riċevitur finali tal-fondi;

(ii) l-isem tal-kuntrattur u tas-sottokuntrattur, meta r-riċevitur finali tal-fondi huwa awtorità kontraenti skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku;

(iii) l-isem/ismijiet, il-kunjom/kunjomijiet u d-data tat-twelid tas-sid(ien) benefiċjarju/benefiċjarji tar-riċevitur tal-fondi jew tal-kuntrattur, kif iddefinit fil-punt 6 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(iv) lista ta' kwalunkwe miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment taħt il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mal-ammont totali ta' finanzjament pubbliku ta' dawk il-miżuri u jiġi indikat l-ammont ta' fondi mħallsa taħt il-Faċilità u taħt fondi oħra tal-Unjoni;

---

[1] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

(e) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-UPPE, biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previst fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament Finanzjarju u biex jimponu obbligi fuq ir-riċevituri finali kollha ta' fondi mħallsa għall-miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, jew lill-persuni jew l-entitajiet l-oħra kollha involuti fl-implimentazzjoni tagħhom biex jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-UPPE, biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previst fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament Finanzjarju u biex jimponu obbligi simili fuq ir-riċevituri finali kollha tal-fondi żborżati;

(f) li jżommu rekords f'konformità mal-Artikolu 132 tar-Regolament Finanzjarju.

3. Id-data personali kif imsemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi pproċessata biss mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni għall-fini, u d-durata korrispondenti, ta' proċedimenti ta' kwittanza, ta' awditjar u ta' kontroll relatati mal-użu tal-fondi relatati mal-implimentazzjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 15(2) u 23(1). Fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 319 tat-TFUE, il-Faċilità għandha tkun soġġetta għal rappurtar skont ir-rappurtar finanzjarju u ta' rendikont integrat imsemmi fl-Artikolu 247 tar-Regolament Finanzjarju, u, b'mod partikolari, separatament fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Istati Membri sistema integrata u interoperabbli ta' informazzjoni u monitoraġġ li tinkludi għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u għall-valutazzjoni tar-riskju, bl-għan li taċċessa u tanalizza d-data rilevanti, bil-ħsieb ta' applikazzjoni ġeneralizzata mill-Istati Membri ta' dik is-sistema inkluż bl-appoġġ tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.

5. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 15(2) u 23(1) għandhom jipprevedu wkoll id-dritt tal-Kummissjoni li tnaqqas b'mod proporzjonat l-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità u li tirkupra kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-Unjoni jew li titlob ripagament bikri tas-self, f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni, u konflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma jkunux ġew irrettifikati mill-Istat Membru, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta minn tali ftehimiet.

Meta tkun qed tiddeċiedi dwar l-ammont tal-irkupru u t-tnaqqis, jew dwar l-ammont li għandu jitħallas lura kmieni, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u għandha tqis is-serjetà tal-frodi, tal-korruzzjoni u l-konflitt ta' interessi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew tal-ksur ta' obbligu. L-Istat Membru għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma jsir it-tnaqqis jew qabel ma jintalab ir-ripagament bikri.

### *Artikolu 23*
### *Impenn tal-kontribuzzjoni finanzjarja*

1. Ladarba l-Kunsill ikun adotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni kif msemmi fl-Artikolu 20(1), il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim mal-Istat Membru kkonċernat li jikkostitwixxi impenn legali individwali fis-sens tar-Regolament Finanzjarju,. Għal kull Stat Membru, l-impenn legali ma għandux jaqbeż il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1) għall-2021 u 2022, u l-kontribuzzjoni finanzjarja aġġornata msemmija fl-Artikolu 11(2) għall-2023.

2. L-impenji baġitarji jistgħu jkunu bbażati fuq impenji globali u, fejn xieraq, jistgħu jkunu diżaggregati f'pagamenti annwali mifruxa fuq diversi snin.

*Artikolu 24*

*Regoli dwar il-pagamenti, is-sospensjoni u t-terminazzjoni ta' ftehimiet dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u self*

1. Il-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, u fejn ikun applikabbli, tas-self lill-Istat Membru kkonċernat skont dan l-Artikolu għandhom isiru sal-31 ta' Diċembru 2026 u skont l-approprjazzjonijiet baġitarji u soġġett għall-finanzjament disponibbli.

2. Ladarba jitwettqu l-istadji importanti u l-miri rilevanti indikati fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza kif approvat f'konformità mal-Artikolu 20, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba debitament iġġustifikata lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja u, jekk ikun rilevanti, tas-self. Dawn it-talbiet għall-pagament jistgħu jiġu ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni darbtejn fis-sena.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta fuq bażi preliminari u mingħajr dewmien żejjed, u sa mhux aktar tard minn xahrejn mill-wasla tat-talba, jekk l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 20(1) ġewx imwettqa b'mod sodisfaċenti. It-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri għandu jippresupponi li l-miżuri relatati ma' stadji importanti u miri milħuqa preċedentement b'mod sodisfaċenti ma jkunux treġġgħu lura mill-Istat Membru kkonċernat. Għall-fini tal-valutazzjoni, l-arranġamenti operazzjonali msemmi fl-Artikolu 20(6) għandu jiġi kkunsidrat ukoll. Il-Kummissjoni tista' tkun assistita minn esperti.

4. Fejn il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni preliminari pożittiva tat-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti, hija għandha tipprovdi s-sejbiet tagħha lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u titlob l-opinjoni tiegħu dwar it-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għall-valutazzjoni tagħha.

5. Fejn il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni pożittiva, din għandha tadotta mingħajr dewmien żejjed deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż tal-kontribuzzjoni finanzjarja u, fejn applikabbli, tas- self skont ir-Regolament Finanzjarju. Tali deċiżjoni għandha tiġi adottata skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

6. Jekk, b'riżultat tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-istadji importanti u l-miri stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 20(1) ma jkunux ġew imwettqa b'mod sodisfaċenti, il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha jew ta' parti minnha u, fejn applikabbli, tas-self għandu jiġi sospiż. L-Istat Membru kkonċernat jista' jippreżenta l-kummenti tiegħu fi żmien xahar mill-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

Is-sospensjoni għandha titneħħa biss jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun ħa l-miżuri meħtieġa biex jiżgura t-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill fl-Artikolu 20(1).

7. B'deroga mill-Artikolu 116(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-iskadenza tal-pagament għandha tibda tiddekorri mid-data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż lill-Istat Membru kkonċernat skont il-paragrafu 5 ta’ dan l-Artikolu, jew mid-data tal-komunikazzjoni tat-tneħħija ta' sospensjoni skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu.

8. Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa l-miżuri meħtieġa fi żmien sitt xhur mis-sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja u, fejn applikabbli, tas-self b'mod proporzjonat wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tagħha.

9. Jekk, fi żmien 18-il xahar mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 20(1), ma jkun sar l-ebda progress tanġibbli fir-rigward ta' ebda wieħed mill-istadji importanti u l-miri rilevanti mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tittermina l-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 15(2) u 23(1) u għandha tiddiżimpenja l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14(3) tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 għandu jiġi rkuprat kollu. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 15(2) u 23(1) u, fejn applikabbli, tal-irkupru tal-prefinanzjament wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tagħha dwar li ma kien sar l-ebda progress tanġibbli.

10. Jekk jinqalgħu ċirkostanzi eċċezzjonali, l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż tal-kontribuzzjoni finanzjarja u, fejn applikabbli, tas-self skont il-paragrafu 5 tista' tiġi posposta b'mhux aktar minn tliet xhur.

# KAPITOLU V

# Dispożizzjonijiet istituzzjonali

*Artikolu 25*

*Trasparenza*

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentati uffiċjalment mill-Istati Membri, u l-proposti għal deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 20(1), kif imqiegħda għad-dispożizzjoni pubblika mill-Kummissjoni, fl-istess ħin u b'termini ugwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien żejjed.

2. L-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Kunsill jew lil kwalunkwe wieħed mill-korpi preparatorji tiegħu fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jew l-implimentazzjoni tiegħu għandha ssir disponibbli fl-istess ħin għall-Parlament Ewropew, soġġett għal arranġamenti ta' kunfidenzjalità jekk ikun meħtieġ. L-eżiti rilevanti tad-diskussjonijiet li jsiru fil-korpi preparatorji tal-Kunsill għandhom jiġu kondiviżi mal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew.

3. L-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-Kummissjoni tħassar informazzjoni sensittiva jew kunfidenzjali, li d-divulgazzjoni tagħha tista' tipperikola l-interessi pubbliċi tal-Istat Membru. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tikkoopera mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill rigward kif l-informazzjoni editjata tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom b'mod kunfidenzjali f'konformità mar-regoli applikabbli.

4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew ħarsa ġenerali tas-sejbiet preliminari tagħha dwar it-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri.

5. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-valutazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza fil-kuntest tad-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza msemmi fl-Artikolu 26.

*Artikolu 26*

*Djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza*

1. Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u sabiex jiġu żgurati trasparenza u obbligu ta' rendikont akbar, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni kull xahrejn biex jiddiskutu l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) l-istat tal-irkupru, ir-reżiljenza u l-kapaċità ta' aġġustament fl-Unjoni, kif ukoll il-miżuri adottati fl-ambitu ta' dan ir-Regolament;

(b) il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri;

(c) il-valutazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri;

(d) is-sejbiet ewlenin tar-rapport ta' rieżami msemmi fl-Artikolu 16(2);

(e) l-istatus tat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri;

(f) proċeduri ta' pagament, sospensjoni u terminazzjoni, inkluża kwalunkwe osservazzjoni ppreżentata u kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda mill-Istati Membri biex jiġi żgurat li l-istadji importanti u l-miri jitwettqu b'mod sodisfaċenti;

(g) kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti oħra pprovduta mill-Kummissjoni lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Faċilità.

2. Il-Parlament Ewropew jista' jesprimi l-fehmiet tiegħu f'riżoluzzjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe element li jirriżulta mill-fehmiet espressi permezz tad-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza, inklużi r-riżoluzzjonijiet mill-Parlament Ewropew, jekk jiġu pprovduti.

4. It-tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza msemmija fl-Artikolu 30 għandha sservi bħala bażi għad-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza.

# Kapitolu V
# Rappurtar

*Artikolu 27*

*Rappurtar mill-Istat Membru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew*

L-Istat Membru kkonċernat għandu jirrapporta darbtejn fis-sena fil-kuntest tas-Semestru Ewropew dwar il-progress li jkun sar fit-twettiq tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu, inkluż l-arranġament operazzjonali msemmi fl-Artikolu 20(6) u dwar l-indikaturi komuni kif imsemmija fl-Artikolu 29(4). Għal dan il-għan, ir-rapporti tal-Istati Membri għandhom jiġu riflessi b'mod xieraq fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, li għandhom jintużaw bħala għodda għar-rappurtar dwar il-progress lejn it-tlestija tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

# KAPITOLU VII

# Komplementarjetà, monitoraġġ u evalwazzjoni

*Artikolu 28*

*Koordinazzjoni u komplementarjetà*

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom, b'mod proporzjonat għar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn il-Faċilità u programmi u strumenti oħra tal-Unjoni, inkluż l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, u b'mod partikolari ma' miżuri ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, huma għandhom:

(a) jiżguraw il-komplementarjetà, is-sinerġija, il-koerenza u l-konsistenza bejn strumenti differenti fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, jekk ikun xieraq, reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni;

(b) jottimizzaw il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex jevitaw id-dupplikazzjoni tal-isforz; u

(c) jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn dawk responsabbli għall-implimentazzjoni u l-kontroll fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, jekk ikun xieraq, reġjonali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Faċilità.

*Artikolu 29*

*Monitoraġġ tal-implimentazzjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Faċilità u tikkalkula l-ilħiq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqin fl-ambitu tal-Faċilità.

2. Is-sistema tar-rappurtar tal-prestazzjoni li għandha l-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet u r-riżultati jinġabru b'mod effiċjenti, effikaċi u fil-ħin. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta ex post dwar in-nefqa ffinanzjata mill-Faċilità taħt kull wieħed mill-pilastri msemmija fl-Artikolu 3. Dan ir-rappurtar se jkun ibbażat fuq it-tqassim tan-nefqa stmata prevista fil-pjanijiet approvati għall-irkupru u r-reżiljenza.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, sal-aħħar ta' Diċembru 2021, atti delegati skont l-Artikolu 33 biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex:

   (a) tispjega l-indikaturi komuni li jridu jintużaw għar-rappurtar dwar il-progress u għall-fini tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Faċilità lejn l-ilħiq tal-objettivi ġenerali u speċifiċi; u

   (b) tiddefinixxi metodoloġija għar-rappurtar tan-nefqa soċjali, inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ, fl-ambitu tal-Faċilità.

5. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-indikaturi komuni.

*Artikolu 30*

*Tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza*

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza (it-"Tabella ta' Valutazzjoni"), li għandha turi l-progress tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri f'kull wieħed mis-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tikkostitwixxi s-sistema ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-Faċilità.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 33 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddefinixxi l-elementi dettaljati tat-Tabella ta' Valutazzjoni bil-ħsieb li turi l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha turi wkoll il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza fir-rigward tal-indikaturi komuni msemmija fl-Artikolu 29(4).

4. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tkun operattiva sa Diċembru 2021 u għandha tiġi aġġornata mill-Kummissjoni darbtejn fis-sena. It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq sit web, jew portal tal-internet.

*Artikolu 24*

*Rapport annwali*

1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità.

2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-progress li sar bil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri kkonċernati taħt il-Faċilità, inkluża informazzjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri, u l-istatus tal-pagamenti u s-sospensjonijiet tagħhom.

3. Ir-rapport annwali għandu jinkludi wkoll l-informazzjoni li ġejja dwar:

(a) il-kontribut tal-Faċilità għall-miri klimatiċi u diġitali;

(b) il-prestazzjoni tal-Faċilità bbażata fuq l-indikaturi komuni msemmija fl-Artikolu 29(4);

(c) in-nefqa ffinanzjata mill-Faċilità fl-ambitu tas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3, li tinkorpora n-nefqa soċjali, inkluż fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, kif imsemmi fl-Artikolu 29(4).

4. Għall-fini tar-rappurtar dwar l-attivitajiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni tista' tuża l-kontenut tad-dokumenti rilevanti adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fis-Semestru Ewropew, ikun kif xieraq.

*Artikolu 32*

*Evalwazzjoni u evalwazzjoni ex post tal-Faċilità*

1. Sa ... [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, rapport ta' evalwazzjoni indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità, u sal-31 ta' Diċembru 2028, rapport ta' evalwazzjoni ex post indipendenti, u.

2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu, b'mod partikolari, jivvaluta sa fejn intlaħqu l-objettivi, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew. Huwa għandu jindirizza wkoll ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u l-azzjonijiet kollha.

3. Jekk ikun xieraq, l-evalwazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn proposta għall-emendi ta' dan ir-Regolament.

4. Ir-rapport tal-evalwazzjoni ex post għandu jikkonsisti minn valutazzjoni globali tal-Faċilità u għandu jinkludi informazzjoni dwar l-impatt tiegħu fuq terminu twil.

*Artikolu 33*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 23a(2) u fl-Artikolu 23(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 29(4) u 30(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 29(4) u 30(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

# KAPITOLU VIII

# Komunikazzjoni u dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 34*

*Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità*

1. Il-Kummissjoni tista' tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' komunikazzjoni biex tiżgura l-viżibilità tal-finanzjament tal-Unjoni għall-appoġġ finanzjarju previst fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza rilevanti, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni konġunti mal-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati. Il-Kummissjoni tista', kif xieraq, tiżgura li l-appoġġ taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut permezz ta' dikjarazzjoni ta' finanzjament.

2. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibilità tal-finanzjament tal-Unjoni, inkluż, fejn applikabbli, billi jesponu l-emblema tal-Unjoni u dikjarazzjoni xierqa dwar il-finanzjament li tkun tgħid "iffinanzjat(a)(i) mill-Unjoni Ewropea – NextGenerationEU", b'mod partikolari meta jkunu qed jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inklużi lill-midja u lill-pubbliku.

3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Faċilità, mal-azzjonijiet meħuda fl-ambitu tal-Faċilità u mar-riżultati miksuba. Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tinforma u tinvolvi l-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Parlament Ewropew dwar l-azzjonijiet tagħha u tinvolvihom f'dawk l-azzjonijiet. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Faċilità għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi msemmijin fl-Artikolu 4.

*Artikolu 35*

*Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 36*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## ANNESS I

Metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima
għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità

Dan l-Anness jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għal kull Stat Membru skont l-Artikolu 11. Il-metodu jqis, fir-rigward ta' kull Stat Membru:

– il-popolazzjoni;

– l-invers tal-PDG per capita;

– ir-rata medja tal-qgħad matul dawn l-aħħar ħames snin imqabbla mal-medja tal-Unjoni (2015-2019);

– it-tnaqqis fil-PDG reali fl-2020 u t-tnaqqis fil-PDG reali fl-2020 u l-2021 flimkien.

Biex tiġi evitata konċentrazzjoni eċċessiva ta' riżorsi:

– il-PDG invers per capita huwa limitat għal massimu ta' 150 % tal-medja tal-Unjoni;

– id-devjazzjoni tar-rata tal-qgħad ta' Stat Membru individwali mill-medja tal-Unjoni hija limitata għal massimu ta' 150 % tal-medja tal-Unjoni.

– biex jitqiesu s-swieq tax-xogħol ġeneralment aktar stabbli ta' Stati Membri aktar sinjuri (b'ING per capita ogħla mill-medja tal-Unjoni), id-devjazzjoni tar-rata tal-qgħad tagħhom mill-medja tal-Unjoni hija limitata għal massimu ta' 75 %.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima ta' Stat Membru taħt il-Faċilità ($MFC_i$) hija definita kif ġej:

$$MFC_i = v_i \times (FS)$$

fejn:

FS (Appoġġ Finanzjarju) huwa l-finanzjament disponibbli taħt il-Faċilità kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(a); u

$\nu_i$ hija l-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-Istat Membru i, definit bħala:

$$\nu_i = 0{,}7\ \kappa_i + 0{,}3\ \alpha_i$$

fejn

$\kappa_i$ hija l-koeffiċjent tal-allokazzjoni applikat għas-70% tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) u stabbilit fl-Anness II); u

$\alpha_i$hija l-koeffiċjent tal-allokazzjoni applikat għat-30 fil-mija tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) u stabbilit fl-Anness III.

# ANNESS II

Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni applikat għas-70% tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1), $\boldsymbol{\kappa}_i$ , huwa definit kif ġej:

$$\kappa_i = \frac{\sigma_{i,2019} * \upsilon_i}{\sum_{i=1}^{27} \sigma_{i,2019} * \upsilon_i},$$

$$\text{fejn } \sigma_{i,2019} = \frac{PDG_{EU,2019}^{PC}}{PDG_{i,2019}^{PC}} * \frac{pop_{i,2019}}{pop_{EU,2019}} \text{ u } \upsilon_i = \frac{U_{i,2015-2019}}{U_{EU,2015-2019}} ,$$

$$\text{bi } \frac{PDG_{EU,2019}^{PC}}{PDG_{i,2019}^{PC}} \leq 1{,}5 ,$$

$\upsilon_i \leq 0{,}75$ għal Stati Membri bi $ING_{i,2019}^{PC} > ING_{EU,2019}^{PC}$ u

$\upsilon_i \leq 1.5$ għal Stati Membri bi $ING_{i,2019}^{PC} \leq ING_{EU,2019}^{PC}$.

Definizzjonijiet[1]:

– $\text{PDG}_{\text{i},2019}^{\text{PC}}$ bħala l-PDG nominali per capita tal-2019 tal-Istat Membru i;

– $\text{PDG}_{\text{EU},2019}^{\text{PC}}$ bħala l-medja ponderata tal-PDG per capita tal-2019 tal-Istati Membri tal-UE-27;

– $\text{pop}_{\text{i},2019}$ bħala l-popolazzjoni totali tal-2019 fl-Istat Membru i;

– $\text{pop}_{\text{EU},2019}$ bħala l-popolazzjoni totali tal-2019 fl-Istati Membri tal-UE-27;

– $\text{U}_{\text{i},2015-2019}$bħala r-rata medja tal-qgħad matul il-perjodu 2015-2019 tal-Istat Membru i;

– $\text{U}_{\text{EU},2015-2019}$ bħala r-rata medja tal-qgħad matul il-perjodu 2015-2019 fl-UE-27 (f'kull sena l-medja ponderata tal-Istati Membri tal-UE-27);

– $\text{ING}_{\text{i},2019}^{\text{PC}}$ bħala l-ING per capita tal-2019 tal-Istat Membru i;

– $\text{ING}_{\text{EU},2019}^{\text{PC}}$ bħala l-IN G medju ponderat per capita tal-2019 tal-Istati Membri tal-UE-27.

---

1 Id-data kollha fir-Regolament hija mill-Eurostat; data ta' skadenza Mejju 2020 għal data storika.

## ANNESS III

Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni applikat għat-30% tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(1)(a), $\boldsymbol{\alpha_i}$, huwa definit kif ġej:

$$\alpha_i = \frac{\phi_i + \rho_i}{2}$$

fejn

$$\phi_i = \frac{\sigma_{i,2019} * \delta GDP_{i,2020-2019}}{\sum_{i=1}^{27} \sigma_{i,2019} * \delta GDP_{i,2020-2019}} \text{ u } \rho_i = \frac{\sigma_{i,2019} * \delta GDP_{i,2021-2019}}{\sum_{i=1}^{27} \sigma_{i,2019} * \delta GDP_{i,2021-2019}}$$

fejn

$$\delta GDP_{i,2020-2019} = \min\left\{\frac{GDP_{i,2020}}{GDP_{i,2019}} - 1;\ 0\right\}, \delta GDP_{i,2021-2019} = \min\left\{\frac{GDP_{i,2021}}{GDP_{i,2019}} - 1;\ 0\right\} \text{ u } \sigma_{i,2019} = \frac{PDG_{EU,2019}^{PC}}{PDG_{i,2019}^{PC}} * \frac{pop_{i,2019}}{pop_{EU,2019}}$$

$$\text{bi } \frac{PDG_{EU,2019}^{PC}}{PDG_{i,2019}^{PC}} \leq 1{,}5$$

Definizzjonijiet:

– $\text{PDG}_{\text{i,t}}$ bħala l-PDG reali tal-Istat Membru i fil-mument $t = 2019, 2020, 2021$;

– $\text{PDG}_{\text{i,2019}}^{\text{PC}}$ bħala l-PDG per capita tal-2019 tal-Istat Membru i;

– $\text{PDG}_{\text{EU,2019}}^{\text{PC}}$ bħala l-medja ponderata tal-PDG per capita tal-2019 tal-Istati Membri tal-UE-27;

– $\text{pop}_{\text{i,2019}}$ bħala l-popolazzjoni totali tal-2019 fl-Istat Membru i;

– $\text{pop}_{\text{EU,2019}}$ bħala l-popolazzjoni totali tal-2019 fl-Istati Membri tal-UE-27.

It-tnaqqis fil-PDG reali għall-2020 ($\delta\text{GDP}_{\text{i,2020}-2019}$) u t-tnaqqis kumulattiv fil-PDG reali għall-perjodu 2020-2021 ($\delta\text{GDP}_{\text{i,2021}-2019}$) għandhom ikunu bbażati fuq il-previżjonijiet tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni u aġġornati sat-30 ta' Ġunju 2022 għal kull Stat Membru u jissostitwixxu d-data mill-previżjonijiet tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni bir-riżultati attwali kif rappurtati fl-aħħar aġġornament disponibbli tas-serje ta' kodiċi tal-Eurostat "tec00115 (Rata tat-tkabbir tal-PDG reali - volum)".

## ANNESS IV

L-applikazzjoni tal-metodoloġiji fl-Annessi II u III għall-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(1)(a), ikkonvertit fi prezzijiet attwali, ser tirriżulta fis-sehem u l-ammont li ġejjin tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru, mingħajr preġudizzju għall-kalkolu aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022:

| Kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru tal-UE | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | għal 70% tal-ammont disponibbli | | għal 30% tal-ammont disponibbli (Ammont indikattiv abbażi tal-previżjonijiet tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni) | | |
| | Sehem bħala % tat-total | Ammont (f'EUR 1 000, prezzijiet attwali) | Sehem bħala % tat-total | Ammont (f'EUR 1 000, prezzijiet attwali) | Total |
| BE | 1,56% | 3.646.437 | 2,20% | 2.278.834 | 5.925.271 |
| BG | 1,98% | 4.637.074 | 1,58% | 1.631.632 | 6.268.706 |
| CZ | 1,51% | 3.538.166 | 3,41% | 3.533.509 | 7.071.676 |
| DK | 0,56% | 1.303.142 | 0,24% | 248.604 | 1.551.746 |
| DE | 6,95% | 16.294.947 | 9,01% | 9.324.228 | 25.619.175 |
| EE | 0,32% | 759.715 | 0,20% | 209.800 | 969.515 |
| IE | 0,39% | 914.572 | 0,07% | 74.615 | 989.186 |
| EL | 5,77% | 13.518.285 | 4,11% | 4.255.610 | 17.773.895 |
| ES | 19,88% | 46.603.232 | 22,15% | 22.924.818 | 69.528.050 |
| FR | 10,38% | 24.328.797 | 14,54% | 15.048.278 | 39.377.074 |
| HR | 1,98% | 4.632.793 | 1,61% | 1.664.039 | 6.296.831 |
| IT | 20,45% | 47.935.755 | 20,25% | 20.960.078 | 68.895.833 |
| CY | 0,35% | 818.396 | 0,18% | 187.774 | 1.006.170 |
| LV | 0,70% | 1.641.145 | 0,31% | 321.944 | 1.963.088 |
| LT | 0,89% | 2.092.239 | 0,13% | 132.450 | 2.224.690 |

| Kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru tal-UE | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | għal 70% tal-ammont disponibbli | | għal 30% tal-ammont disponibbli (Ammont indikattiv abbażi tal-previżjonijiet tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni) | | |
| | Sehem bħala % tat-total | Ammont (f'EUR 1 000, prezzijiet attwali) | Sehem bħala % tat-total | Ammont (f'EUR 1 000, prezzijiet attwali) | Total |
| LU | 0,03% | 76.643 | 0,02% | 16.883 | 93.526 |
| HU | 1,98% | 4.640.462 | 2,45% | 2.535.376 | 7.175.838 |
| MT | 0,07% | 171.103 | 0,14% | 145.371 | 316.474 |
| NL | 1,68% | 3.930.283 | 1,96% | 2.032.041 | 5.962.324 |
| AT | 0,95% | 2.231.230 | 1,19% | 1.230.938 | 3.462.169 |
| PL | 8,65% | 20.275.293 | 3,46% | 3.581.694 | 23.856.987 |
| PT | 4,16% | 9.760.675 | 4,01% | 4.149.713 | 13.910.387 |
| RO | 4,36% | 10.213.809 | 3,90% | 4.034.211 | 14.248.020 |
| SI | 0,55% | 1.280.399 | 0,48% | 496.924 | 1.777.322 |
| SK | 1,98% | 4.643.840 | 1,63% | 1.686.154 | 6.329.994 |
| FI | 0,71% | 1.661.113 | 0,41% | 424.692 | 2.085.805 |
| SE | 1,24% | 2.911.455 | 0,36% | 377.792 | 3.289.248 |
| UE27 | 100,00% | 234.461.000 | 100,00% | 103.508.000 | 337.969.000 |

## ANNESS VI

Linji gwida tal-valutazzjoni għall-Faċilità

1. Kamp ta' applikazzjoni

L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jservu flimkien ma' dan ir-Regolament bħala bażi biex il-Kummissjoni tivvaluta - b'mod trasparenti u ekwu - il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza proposti mill-Istati Membri u biex tiġi ddeterminata l-kontribuzzjoni finanzjarja f'konformità mal-għanijiet u ma' kwalunkwe rekwiżit ieħor rilevanti stabbilit f'dan ir-Regolament. Dawn il-linji gwida jirrappreżentaw il-bażi għall-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni u għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija, rispettivament, fl-Artikoli 19(3) u 20(4).

Il-linji gwida tal-valutazzjoni huma mfassla biex:

(a) jagħtu gwida ulterjuri dwar il-proċess tal-valutazzjoni tal-proposti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentati mill-Istati Membri;

(b) jipprovdu aktar dettalji dwar il-kriterji tal-valutazzjoni u jistipulaw sistema ta' klassifikazzjoni, li trid tiġi stabbilita bil-ħsieb li tiżgura proċess ekwu u trasparenti; u

(c) jiddefinixxu r-rabta bejn il-valutazzjoni li trid issir mill-Kummissjoni skont il-kriterji tal-valutazzjoni u d-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja li trid tiġi stabbilita fil-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

Il-linji gwida huma għodda biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza kif ippreżentati mill-Istati Membri, u biex jiġi żgurat li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jappoġġjaw riformi u investiment pubbliku li huma rilevanti u juru valur miżjud għoli fir-rigward tal-objettivi tal-Faċilità, filwaqt li jiżguraw trattament ugwali fost l-Istati Membri.

2. Kriterji tal-valutazzjoni

F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-kriterji tar-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza. B'riżultat tal-proċess ta' valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti klassifikazzjonijiet għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentati mill-Istati Membri skont kull wieħed mill-kriterji tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 19(3), bil-għan li tistabbilixxi l-allokazzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 20(3).

Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u effiċjenza, is-sistema ta' klassifikazzjoni għandha tvarja minn A sa C, kif stabbilit f'dan li ġej:

Rilevanza:

2.1. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżenta rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha kemm huma msemmija fl-Artikolu 3, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi b'mod komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitt pilastri kollha kemm huma msemmija fl-Artikolu 3, filwaqt li jikkunsidra l-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat u filwaqt li jqis il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat u l-appoġġ fil-forma ta' self mitlub.

Klassifikazzjoni

A – sa punt għoli

B – sa punt moderat

C – sa punt baxx

2.2. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż inklużi l-aspetti fiskali tagħhom u rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fejn xieraq, indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom u r-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fejn xieraq, indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, filwaqt li titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat u l-appoġġ fil-forma ta' self mitlub kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż u l-informazzjoni inkluża fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma;

u

– il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżenta rispons komprensiv u adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat;

u,

– l-isfidi indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma meqjusa bħala sinifikanti biex tingħata spinta lill-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat b'mod sostenibbli;

u

– wara t-tlestija tar-riformi u l-investimenti proposti, l-isfidi relatati jkunu mistennija li jkunu ġew riżolti jew indirizzati b'mod li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-riżoluzzjoni tagħhom.

Klassifikazzjoni

A – il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jew subsett sinifikanti minnhom, jew l-isfidi f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni taħt is-Semestru Ewropew, u l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżenta rispons adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat

B – il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati parzjalment l-isfidi kollha identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jew subsett sinifikanti minnhom, jew l-isfidi f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni taħt is-Semestru Ewropew u l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżenta rispons adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat

C – il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-ebda sfida identifikata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jew f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni taħt is-Semestru Ewropew u l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jirrappreżentax rispons adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat

2.3. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, istituzzjonali u soċjali tal-Istat Membru, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażagħ, u li jtaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-Covid-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fi ħdan l-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri li għandhom l-għan li jrawmu t-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni ekonomika b'mod inklużiv, b'mod partikolari li jindirizzaw id-dgħufijiet tal-ekonomija tal-Istati Membri, jagħtu spinta lill-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat, li jistimulaw il-ħolqien tal-impjiegi u jtaffu l-effetti negattivi tal-kriżi;

u

– il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu l-koeżjoni soċjali u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, inklużi politiki għat-tfal u ż-żgħażagħ, inaqqsu l-vulnerabbiltajiet soċjali, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jikkontribwixxu għat-titjib tal-livelli tal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tiegħu;

u

– il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jnaqqas il-vulnerabbiltajiet ekonomiċi tal-Istat Membru għax-xokkijiet;

u

– il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jżid il-kapaċità tal-istrutturi ekonomiċi u/jew soċjali tal-Istat Membru sabiex jaġġustaw għax-xokkijiet u jirreżistuhom.

u

– il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koeżjoni u l-konverġenza ekonomiċi, soċjali u territorjali.

Klassifikazzjoni

A – impatt għoli mistenni

B – impatt medju mistenni

C – impatt baxx mistenni

2.4. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").

Klassifikazzjoni

A – l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti")

C – miżura waħda jew aktar jagħmlu ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti")

2.5. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri li jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha, u li jikkostitwixxu ammont li jirrappreżenta mill-inqas 37 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, abbażi tal-metodoloġija tat-trekkjar klimatiku stabbilita fl-Anness IIa; il-metodoloġija għandha tintuża kif xieraq għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal qasam ta' intervent elenkat fl-Anness VI; il-koeffiċjenti għall-appoġġ għall-objettivi klimatiċi jistgħu jiżdiedu sa ammont totali ta' 3 % tal-allokazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal investimenti individwali biex jitqiesu l-miżuri ta' riforma ta' akkumpanjament li jżidu b'mod kredibbli l-impatt tagħhom fuq l-objettivi klimatiċi, soġġett għall-ftehim tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija li tikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, u, fejn applikabbli, tindirizza l-isfidi li jirriżultaw minnha, u b'hekk tikkontribwixxi għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 filwaqt li tikkonforma mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050;

u

– l-Istati Membri japplikaw metodoloġija li tikkonsisti fl-assenjar ta' ponderazzjoni speċifika għall-appoġġ ipprovdut, li tirrifletti sa liema punt tali appoġġ jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi. Il-ponderazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq id-dimensjonijiet u l-kodiċijiet għat-tipi ta' intervent stabbiliti fl-Anness VI u jistgħu jiżdiedu għal investimenti individwali biex jitqiesu l-miżuri ta' riforma ta' akkumpanjament li jżidu b'mod kredibbli l-impatt tagħhom fuq l-objettivi klimatiċi. L-istess sistema ta' ponderazzjoni għandha tapplika għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal qasam ta' intervent elenkat fl-Anness VI.

u

– - l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija li jkollha impatt fit-tul.

Klassifikazzjoni

A – sa punt għoli.

B – sa punt moderat.

C – sa punt baxx.

2.6. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri li jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tranżizzjoni diġitali jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha, u li jikkostitwixxu ammont li jirrappreżenta mill-inqas 20 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, abbażi tal-metodoloġija għal-ittaggjar diġitali stabbilita fl-Anness VII; il-metodoloġija għandha tintuża kif xieraq għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal qasam ta' intervent elenkat fl-Anness VII; il-koeffiċjenti għal appoġġ għall-objettivi diġitali jistgħu jiżdiedu biex investimenti individwali jqisu l-miżuri ta' riforma ta' akkumpanjament li jżidu l-impatt tagħhom fuq l-objettivi diġitali.

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-trasformazzjoni diġitali tas-setturi ekonomiċi jew soċjali;

jew

– l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni diġitali;

u

– l-Istati Membri japplikaw metodoloġija li tikkonsisti fl-assenjar ta' ponderazzjoni speċifika għall-appoġġ ipprovdut, li jirrifletti sa liema punt tali appoġġ jikkontribwixxi għall-objettivi diġitali. Il-ponderazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq id-dimensjonijiet u l-kodiċijiet għat-tipi ta' intervent stabbiliti fl-Anness VII u jistgħu jiżdiedu għal investimenti individwali biex jitqiesu l-miżuri ta' riforma ta' akkumpanjament li jżidu l-impatt tagħhom fuq l-objettivi diġitali. L-istess sistema ta' ponderazzjoni għandha tapplika għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal qasam ta' intervent elenkat fl-Anness VII;

u

– l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija li jkollha impatt fit-tul.

Klassifikazzjoni

A – sa punt għoli.

B – sa punt moderat.

C – sa punt baxx.

Effikaċja:

2.7. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jkollu impatt fit-tul fuq l-Istat Membru kkonċernat.

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija twassal għal bidla strutturali fl-amministrazzjoni jew fl-istituzzjonijiet rilevanti;

jew

– l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija twassal għal bidla strutturali fil-politiki rilevanti;

u

– l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija li jkollha impatt fit-tul.

Klassifikazzjoni

A – sa punt għoli

B – sa punt moderat

C – sa punt baxx

2.8. L-arranġamenti proposti mill-Istati Membri kkonċernati huma mistennija jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inklużi l-iskeda ta' żmien proposta, l-istadji importanti u l-miri proposti, u l-indikaturi relatati.

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– struttura fl-Istat Membru tingħata r-responsabbiltà għal: (i) l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; (ii) il-monitoraġġ tal-progress lejn l-istadji importanti u l-miri; u (iii) ir-rappurtar;

u

– l-istadji importanti u l-miri proposti huma ċari u realistiċi; u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti;

u

– l-arranġamenti kumplessivi, proposti mill-Istat Membru f'termini tal-organizzazzjoni (inkluża dispożizzjoni biex tkun żgurata allokazzjoni suffiċjenti tal-persunal) tal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti, huma kredibbli.

Klassifikazzjoni

A – arranġamenti adegwati għall-implimentazzjoni effettiva

B – arranġamenti minimi għall-implimentazzjoni effettiva

C – arranġamenti mhux suffiċjenti għall-implimentazzjoni effettiva

Effiċjenza:

2.9. Il-ġustifikazzjoni mogħtija mill-Istat Membru dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija raġonevoli u plawżibbli u hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– l-Istat Membru pprovda biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa xieraq ("raġonevoli");

u

– l-Istat Membru pprovda biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa konformi man-natura u mat-tip tar-riformi u l-investimenti previsti ("plawżibbli");

u

– l-Istat Membru pprovda biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li għandu jiġi ffinanzjat skont il-Faċilità mhuwiex kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni;

u

– l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa proporzjonat għall-impatt soċjali u ekonomiku mistenni tal-miżuri previsti inklużi fuq l-Istat Membru kkonċernat.

Klassifikazzjoni

A – sa punt għoli

B – sa punt medju

C – sa punt baxx

2.10 L-arranġamenti proposti mill-Istat Membru kkonċernat huma mistennija li jipprevjenu, jidentifikaw u jirrettifikaw korruzzjoni, frodi u konflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi pprovduti taħt il-Faċilità, inkluż l-arranġamenti li għandhom il-mira li jevitaw il-finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħra tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– is-sistema ta' kontroll intern deskritta fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija bbażata fuq proċessi u strutturi robusti, u tidentifika atturi ċari (korpi/entitajiet) u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-twettiq tal-kompiti ta' kontroll intern; b' mod partikolari tiżgura segregazzjoni xierqa tal-funzjonijiet rilevanti;

u

– is-sistema ta' kontrolli u arranġamenti rilevanti oħra, inkluż għall-ġbir u d-disponibbiltà ta' data dwar ir-riċevituri finali deskritti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, b'mod partikolari biex jipprevjenu, jidentifikaw u jirrettifikaw il-korruzzjoni, il-frodi u l-konflitti ta' interessi meta jintużaw il-fondi pprovduti taħt il-Faċilità huma adegwati;

u

– l-arranġamenti deskritti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza biex jiġi evitat finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħra tal-Unjoni huma adegwati;

u

– l-atturi (korpi/entitajiet) responsabbli għall-kontrolli għandhom is-setgħa legali u l-kapaċità amministrattiva biex jeżerċitaw ir-rwoli u l-kompiti previsti tagħhom.

Klassifikazzjoni

A – arranġamenti adegwati

C – arranġamenti insuffiċjenti

Koerenza:

2.11. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

Il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin għall-valutazzjoni skont dan il-kriterju:

Kamp ta' applikazzjoni

– il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri li jikkontribwixxu biex isaħħu l-effetti ta' xulxin;

jew

– il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri li huma komplementari għal xulxin.

Klassifikazzjoni

A – sa punt għoli

B – sa punt medju

C – sa punt baxx

3. Determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja

F'konformità mal-Artikolu 20, il-proposta tal-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kontribuzzjoni finanzjarja filwaqt li tqis l-importanza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza propost mill-Istat Membru kkonċernat, kif ivvalutat skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3). Għal dak il-għan, hija għandha tapplika l-kriterji li ġejjin:

(a) fejn il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3), u l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jkun ugwali għal, jew ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima kkalkulata għal dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 11, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata lill-Istat Membru kkonċernat għandha tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima kkalkulata għal dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 11;

(b) fejn il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jkun konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3), u l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jkun inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima kkalkulata għal dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 11, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata lill-Istat Membru għandha tkun daqs l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza;

(c) fejn il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jikkonformax b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3), l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja ma għandha tiġi allokata lill-Istat Membru kkonċernat.

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan is-subparagrafu, il-formuli li ġejjin għandhom japplikaw:

– għal (a) hawn fuq: If $C^i \geq MFC^i$ the Member State i receives $MFC^i$

– għal (b) hawn fuq: If $C^i < MFC^i$ the Member State i receives $C^i$

fejn:

– i tirreferi għall-Istat Membru kkonċernat

– MFC hija l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Istat Membru kkonċernat

– C huwa l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

B'riżultat tal-proċess ta' valutazzjoni, u filwaqt li jitqiesu l-klassifikazzjonijiet:

Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji tal-valutazzjoni:

Jekk il-klassifikazzjonijiet finali għall-kriterji taħt il-punt 2 jinkludu punteġġi b':

– A għall-kriterji 2.2, 2.3, 2.5 u 2.6;

u għall-kriterji l-oħrajn:

– kollha A,

jew

– l-ebda maġġoranza ta' B fuq A u l-ebda C,

Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jikkonformax b'mod sodisfaċenti mal-kriterji tal-valutazzjoni:

Jekk il-klassifikazzjonijiet finali għall-kriterji taħt il-punt 2 jinkludu punteġġi b':

– mhux A fil-kriterji 2.2, 2.3, 2.5 u 2.6;

u għall-kriterji l-oħrajn:

– maġġoranza ta' B fuq A

jew

– mill-inqas C waħda

## ANNESS VI

Metodoloġija għat-trekkjar klimatiku

Dimensjonijiet u kodiċijiet għat-tipi ta' intervent għall-Faċilità

| | QASAM TA' INTERVENT | Koeffiċjent għall-kalkolu tal-appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu tal-appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 001 | Investiment f'assi fissi, inkluża infrastruttura tar-riċerka, f'mikrointrapriżi direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0% | 0 % |
| 002 | Investiment f'assi fissi, inkluża infrastruttura tar-riċerka, f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (inklużi ċentri tar-riċerka privati) direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0% | 0 % |
| 002 a1 | Investiment f'assi fissi, inkluża infrastruttura tar-riċerka, f'intrapriżi kbar[1] direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0% | 0 % |
| 003 | Investiment f'assi fissi, inkluża infrastruttura tar-riċerka, f'ċentri ta' riċerka pubblika u edukazzjoni għolja direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0% | 0 % |
| 004 | Investiment f'assi intanġibbli f'mikrointrapriżi direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0% | 0 % |
| 005 | Investiment f'assi intanġibbli f'SMEs (inklużi ċentri tar-riċerka privati) direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0% | 0 % |

| | QASAM TA' INTERVENT | Koeffiċjent għall-kalkolu tal-appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu tal-appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 005a1 | Investiment f'assi intanġibbli f'intrapriżi kbar direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0% | 0 % |
| 006 | Investiment f'assi intanġibbli f'ċentri ta' riċerka pubbliċi u edukazzjoni għolja direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0% | 0 % |
| 007 | Attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni f'intrapriżi mikro inkluż in-networking (riċerka industrijali, żvilupp sperimentali, studji dwar il-fattibbiltà) | 0% | 0 % |
| 008 | Attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni f'SMEs, inkluż in-networking | 0% | 0 % |
| 008a1 | Attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni f'intrapriżi kbar, inkluż in-networking | 0% | 0 % |
| 009 | Attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni f'ċentri ta' riċerka pubbliċi, edukazzjoni għolja u ċentri ta' kompetenza inkluż in-networking (riċerka industrijali, żvilupp sperimentali, studji dwar il-fattibbiltà) | 0% | 0 % |
| 010 | Diġitalizzazzjoni tal-SMEs (inkluż il-kummerċ elettroniku, in-negozju elettroniku u l-proċessi ta' negozji f'network, ċentri tal-innovazzjoni diġitali, laboratorji ħajjin, intraprendituri tal-web u start-ups tal-ICT, B2B) | 0% | 0 % |
| 010a1 | Diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi l-kbar (inkluż il-kummerċ elettroniku, in-negozju elettroniku u l-proċessi ta' negozji f'network, ċentri tal-innovazzjoni diġitali, laboratorji ħajjin, intraprendituri tal-web u start-ups tal-ICT, B2B) | 0% | 0 % |

